Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0208(COD)

19.12.2025

EMENDI
33 - 189

Abbozz ta' rapport
Fernando Navarrete Rojas
(PE778.137v02-00)

Il-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro

Proposta għal regolament
(COM(2023)0364 – C9-0216/2023 – 2023/0208(COD))

Emenda 33
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-aċċettazzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro offruti bħala mezz ta' pagament tista' eċċezzjonalment tiġi rrifjutata jekk ir-rifjut isir in bona fide, abbażi ta' raġunijiet leġittimi u ċirkustanzi konkreti, li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju, u jekk ir-rifjut ikun proporzjonat. Pereżempju, ir-rifjut jista' jiġi ġġustifikat jekk għas-saldu ta' dejn monetarju l-karta tal-flus tal-euro offruta tkun sproporzjonata meta mqabbla mal-ammont dovut lill-benefiċjarju, bħall-offerta ta' mitejn karta tal-flus tal-euro għas-saldu ta' dejn ta' inqas minn ħames euro. F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill 974/98, bl-eċċezzjoni tal-awtorità tal-ħruġ u ta' dawk il-persuni maħtura speċifikament bil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru emittenti, jenħtieġ li l-ebda parti ma tkun obbligata li taċċetta iktar minn 50 munita f'pagament wieħed.	(5) L-aċċettazzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro offruti bħala mezz ta' pagament tista' eċċezzjonalment tiġi rrifjutata jekk ir-rifjut isir in bona fide, abbażi ta' raġunijiet leġittimi u ċirkustanzi konkreti, li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju, u jekk ir-rifjut ikun proporzjonat. ***Dawn il-kriterji għandhom ikunu eċċezzjonali u interpretati b'mod strett.*** Pereżempju, ir-rifjut jista' jiġi ġġustifikat jekk għas-saldu ta' dejn monetarju l-karta tal-flus tal-euro offruta tkun sproporzjonata meta mqabbla mal-ammont dovut lill-benefiċjarju, bħall-offerta ta' mitejn karta tal-flus tal-euro għas-saldu ta' dejn ta' inqas minn ħames euro. F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill 974/98, bl-eċċezzjoni tal-awtorità tal-ħruġ u ta' dawk il-persuni maħtura speċifikament bil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru emittenti, jenħtieġ li l-ebda parti ma tkun obbligata li taċċetta iktar minn 50 munita f'pagament wieħed.

Or. es

Emenda 34
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-aċċettazzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro offruti bħala mezz ta' pagament tista' eċċezzjonalment tiġi rrifjutata jekk ir-rifjut isir in bona fide,	(5) L-aċċettazzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro offruti bħala mezz ta' pagament tista' eċċezzjonalment tiġi rrifjutata jekk ir-rifjut isir in bona fide,

abbażi ta’ raġunijiet leġittimi u ċirkustanzi konkreti, li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju, ***u*** jekk ir-rifjut ikun proporzjonat. Pereżempju, ir-rifjut jista’ jiġi ġġustifikat jekk għas-saldu ta’ dejn monetarju l-karta tal-flus tal-euro offruta tkun sproporzjonata meta mqabbla mal-ammont dovut lill-benefiċjarju, bħall-offerta ta’ mitejn karta tal-flus tal-euro għas-saldu ta’ dejn ta’ inqas minn ħames euro. F’konformità mar-Regolament tal-Kunsill 974/98, bl-eċċezzjoni tal-awtorità tal-ħruġ u ta’ dawk il-persuni maħtura speċifikament bil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru emittenti, jenħtieġ li l-ebda parti ma tkun obbligata li taċċetta iktar minn 50 munita f’pagament wieħed.	abbażi ta’ raġunijiet leġittimi u ċirkustanzi konkreti, li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju, jekk ir-rifjut ikun proporzjonat ***jew jekk it-tranżazzjoni sseħħ fil-kuntest ta’ bejgħ mill-bogħod***. Pereżempju, ir-rifjut jista’ jiġi ġġustifikat jekk għas-saldu ta’ dejn monetarju l-karta tal-flus tal-euro offruta tkun sproporzjonata meta mqabbla mal-ammont dovut lill-benefiċjarju, bħall-offerta ta’ mitejn karta tal-flus tal-euro għas-saldu ta’ dejn ta’ inqas minn ħames euro. F’konformità mar-Regolament tal-Kunsill 974/98, bl-eċċezzjoni tal-awtorità tal-ħruġ u ta’ dawk il-persuni maħtura speċifikament bil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru emittenti, jenħtieġ li l-ebda parti ma tkun obbligata li taċċetta iktar minn 50 munita f’pagament wieħed.
	Or. en

Emenda 35
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Hemm ċerti oġġetti u servizzi li l-gruppi kollha tal-popolazzjoni jeħtieġu u għandhom dritt ta’ aċċess għalihom u għalhekk jenħtieġ li jkunu jistgħu jħallsu għalihom fi flus kontanti. F’każijiet fejn il-benefiċjarju jkun korp pubbliku, fornitur tal-kura tas-saħħa jew spiżerija, fornitur tal-utilitajiet jew fornitur tal-ħwienet tal-merċa bl-imnut jew korp pubbliku, jenħtieġ li jkun hemm obbligu li jaċċetta l-flus kontanti. L-Istati Membri jistgħu jestendu din il-lista ta’ entitajiet li għalihom huwa essenzjali l-aċċess. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jippermettu lill-mikrointrapriżi li jaqgħu f’dawn il-kategoriji ta’ benefiċjarji jiġġustifikaw għalfejn

jirrifjutaw li jaċċettaw il-flus kontanti għal raġunijiet ta' proporzjonalità.

Or. en

Emenda 36
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u	(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u

proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali ***bħal uffiċċji postali, supermarkets, spiżeriji jew kura tas-saħħa, jew għal ċerti tipi ta' pagamenti li jitqiesu essenzjali***.	proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali***. Trid tingħata prijorità lill-possibbiltà li jinkiseb aċċess suffiċjenti u proporzjonat għall-flus kontanti, kif ukoll l-użu mhux ristrett tagħhom fil-ħajja ta' kuljum u fil-ħlas ta' oġġetti u servizzi essenzjali, pereżempju fl-uffiċċji postali, fis-supermarkets, fl-ispiżeriji, fil-faċilitajiet tas-saħħa u f'oqsma oħra tas-servizzi pubbliċi***.
	Or. de

Emenda 37
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti	(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti

tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni***, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali bħal uffiċċji postali, supermarkets, spiżeriji jew kura tas-saħħa, jew għal ċerti tipi ta' pagamenti li jitqiesu essenzjali***.	tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni.
	Or. de

Emenda 38
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ ***tal-livell*** ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-	(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-

pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk ***fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk*** Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex ***jirrimedja s-sitwazzjoni, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet*** unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu***, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali bħal uffiċċji postali, supermarkets, spiżeriji jew kura tas-saħħa, jew għal ċerti tipi ta' pagamenti li jitqiesu essenzjali***.

pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex ***jinforza l-projbizzjoni tal-esklużjonijiet*** unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu***. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jgħammru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-kompetenzi u r-riżorsi kollha meħtieġa biex jiżguraw l-aċċettazzjoni obbligatorja mill-benefiċjarji***.

Or. en

Emenda 39
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus	(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus

kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu***, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali bħal uffiċċji postali, supermarkets, spiżeriji jew kura tas-saħħa, jew għal ċerti tipi ta' pagamenti li jitqiesu essenzjali.***	kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex jinforza l-projbizzjoni tal-esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu.

Or. es

Emenda 40
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ ***regolari*** tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali bħal uffiċċji postali, supermarkets, spiżeriji jew kura tas-saħħa, jew għal ċerti tipi ta' pagamenti li jitqiesu essenzjali.	(6) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti fil-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma jiġix imminat b'mod effettiv minn rifjuti mifruxa u strutturali ta' pagamenti fi flus kontanti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu f'bini fiżiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ ***kontinwu*** tal-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti meta l-pagamenti jsiru f'bini fiżiku fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tkun żgurata fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jimminaw l-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro fit-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jieħu miżuri effettivi u proporzjonati biex jirrimedja s-sitwazzjoni, bħal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti fit-territorju kollu tiegħu jew f'partijiet minnu, pereżempju f'żoni rurali, jew f'ċerti setturi li huma meqjusa essenzjali bħal uffiċċji postali, supermarkets, spiżeriji jew kura tas-saħħa, jew għal ċerti tipi ta' pagamenti li jitqiesu essenzjali.

Or. en

Emenda 41
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-pagaturi u lill-benefiċjarji informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jiġu aċċettati flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.

Or. en

Emenda 42
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tagħhom li jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. L-indikaturi komuni jistgħu jinkludu fatturi li jaffettwaw l-aċċess għall-flus kontanti, bħad-densità tal-punti ta' aċċess għall-flus kontanti fir-rigward tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' ġbid u depożitu, inklużi t-tariffi, l-eżistenza ta' networks differenti b'modalitajiet ta' aċċess differenti għall-	(7) Bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tagħhom li jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. L-indikaturi komuni jistgħu jinkludu fatturi li jaffettwaw l-aċċess għall-flus kontanti, bħad-densità tal-punti ta' aċċess għall-flus kontanti fir-rigward tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' ġbid u depożitu, inklużi t-tariffi, l-eżistenza ta' networks differenti b'modalitajiet ta' aċċess differenti għall-

klijenti, varjazzjonijiet soċjoekonomiċi u bejn żoni urbani u rurali, u diffikultajiet ta' aċċess għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni***.*** ***Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċess għall-flus kontanti jitqies suffiċjenti u effettiv fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni***. Jekk Stat Membru jikkonkludi li l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, jew jinsab f'riskju li jiddeterjora fin-nuqqas ta' azzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, bħal rekwiżiti ta' aċċess ġeografiku fuq il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kontanti biex iżommu servizzi ta' flus kontanti f'għadd suffiċjenti tal-uffiċċji tal-fergħat tagħhom fejn iwettqu negozju, jew permezz ta' aġent maħtur għal istituzzjonijiet ta' kreditu online biss, jew iżommu densità suffiċjenti ta' kaxxiera awtomatiċi (ATMs) fejn iwettqu negozju b'kont meħud ta' firxa ġeografika tajba fir-rigward tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-ippuljar possibbli ta' ATMs. Miżuri oħra ta' rimedju jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet indirizzati lil istituzzjonijiet mhux tal-kreditu, bħal operaturi tal-ATMs indipendenti, bejjiegħa bl-imnut jew uffiċċji postali, li jinkoraġġixxu li jikkomplementaw is-servizzi tal-flus kontanti tal-banek.

klijenti, varjazzjonijiet soċjoekonomiċi u bejn żoni urbani u rurali, u diffikultajiet ta' aċċess għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, jew jinsab f'riskju li jiddeterjora fin-nuqqas ta' azzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, bħal rekwiżiti ta' aċċess ġeografiku fuq il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kontanti biex iżommu servizzi ta' flus kontanti f'għadd suffiċjenti tal-uffiċċji tal-fergħat tagħhom fejn iwettqu negozju, jew permezz ta' aġent maħtur għal istituzzjonijiet ta' kreditu online biss, jew iżommu densità suffiċjenti ta' kaxxiera awtomatiċi (ATMs) fejn iwettqu negozju b'kont meħud ta' firxa ġeografika tajba fir-rigward tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-ippuljar possibbli ta' ATMs. Miżuri oħra ta' rimedju jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet indirizzati lil istituzzjonijiet mhux tal-kreditu, bħal operaturi tal-ATMs indipendenti, bejjiegħa bl-imnut jew uffiċċji postali, li jinkoraġġixxu li jikkomplementaw is-servizzi tal-flus kontanti tal-banek. ***Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ mill-Istati Membri, il-forniturі tas-servizzi ta' pagament u l-forniturі tal-ATM jenħtieġ li jinnotifikaw lill-awtorità nazzjonali kompetenti bil-miktub dwar l-għeluq ta' kull ATM jew fergħa bankarja u jikkondividu valutazzjoni dwar jekk l-aċċess suffiċjenti u effiċjenti għall-flus kontanti għadux iggarantit kif definit mill-indikaturi komuni. Meta jkun hemm lakuni fl-aċċess għall-flus kontanti, il-fornitur responsabbli għall-għeluq jenħtieġ li jieħu miżuri ta' rimedju biex jinżamm aċċess effiċjenti għall-flus kontanti.***

Or. en

Emenda 43
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tagħhom li jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. L-indikaturi komuni jistgħu jinkludu fatturi li jaffettwaw l-aċċess għall-flus kontanti, bħad-densità tal-punti ta' aċċess għall-flus kontanti fir-rigward tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' ġbid u depożitu, inklużi t-tariffi, l-eżistenza ta' networks differenti b'modalitajiet ta' aċċess differenti għall-klijenti, varjazzjonijiet soċjoekonomiċi u bejn żoni urbani u rurali, u diffikultajiet ta' aċċess għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom***, l-aċċess għall-flus kontanti jitqies suffiċjenti u effettiv fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk*** Stat Membru jikkonkludi li l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, jew jinsab f'riskju li jiddeterjora fin-nuqqas ta' azzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, bħal rekwiżiti ta' aċċess ġeografiku fuq il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kontanti biex iżommu servizzi ta' flus kontanti f'għadd suffiċjenti tal-uffiċċji tal-fergħat tagħhom fejn iwettqu negozju, jew	(7) Bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tagħhom li jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta' aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. L-indikaturi komuni jistgħu jinkludu fatturi li jaffettwaw l-aċċess għall-flus kontanti, bħad-densità tal-punti ta' aċċess għall-flus kontanti fir-rigward tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' ġbid u depożitu, inklużi t-tariffi, l-eżistenza ta' networks differenti b'modalitajiet ta' aċċess differenti għall-klijenti, varjazzjonijiet soċjoekonomiċi u bejn żoni urbani u rurali, u diffikultajiet ta' aċċess għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom ***skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(3a)***, Stat Membru jikkonkludi li l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, jew jinsab f'riskju li jiddeterjora fin-nuqqas ta' azzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, bħal rekwiżiti ta' aċċess ġeografiku fuq il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kontanti biex iżommu servizzi ta' flus kontanti f'għadd suffiċjenti tal-uffiċċji tal-fergħat tagħhom fejn iwettqu negozju, jew permezz ta' aġent maħtur għal istituzzjonijiet ta' kreditu online biss, jew iżommu densità suffiċjenti ta' kaxxiera awtomatiċi (ATMs) fejn iwettqu negozju b'kont meħud ta' firxa ġeografika tajba fir-rigward tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies

permezz ta’ aġent maħtur għal istituzzjonijiet ta’ kreditu online biss, jew iżommu densità suffiċjenti ta’ kaxxiera awtomatiċi (ATMs) fejn iwettqu negozju b’kont meħud ta’ firxa ġeografika tajba fir-rigward tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-ippuljar possibbli ta’ ATMs. Miżuri oħra ta’ rimedju jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet indirizzati lil istituzzjonijiet mhux tal-kreditu, bħal operaturi tal-ATMs indipendenti, bejjiegħa bl-imnut jew uffiċċji postali, li jinkoraġġixxu li jikkomplementaw is-servizzi tal-flus kontanti tal-banek.

ukoll l-ippuljar possibbli ta’ ATMs. Miżuri oħra ta’ rimedju jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet indirizzati lil istituzzjonijiet mhux tal-kreditu, bħal operaturi tal-ATMs indipendenti, bejjiegħa bl-imnut jew uffiċċji postali, li jinkoraġġixxu li jikkomplementaw is-servizzi tal-flus kontanti tal-banek. ***Kif ukoll l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet rilevanti.***

Or. es

Emenda 44
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Bil-ħsieb ta’ implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tagħhom li jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta’ aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta’ indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. L-indikaturi komuni jistgħu jinkludu fatturi li jaffettwaw l-aċċess għall-flus kontanti, bħad-densità tal-punti ta’ aċċess għall-flus kontanti fir-rigward tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet ta’ ġbid u depożitu, inklużi t-tariffi, l-eżistenza ta’ networks differenti b’modalitajiet ta’ aċċess differenti għall-klijenti, varjazzjonijiet soċjoekonomiċi u bejn żoni urbani u rurali, u diffikultajiet ta’ aċċess għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċess għall-flus kontanti jitqies suffiċjenti u effettiv fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw	(7) Bil-ħsieb ta’ implimentazzjoni effettiva tal-obbligu tagħhom li jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ regolari tal-livell ta’ aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta’ indikaturi komuni li jippermettu tqabbil bejn l-Istati Membri. L-indikaturi komuni jistgħu jinkludu fatturi li jaffettwaw l-aċċess għall-flus kontanti, bħad-densità tal-punti ta’ aċċess għall-flus kontanti fir-rigward tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet ta’ ġbid u depożitu, inklużi t-tariffi, l-eżistenza ta’ networks differenti b’modalitajiet ta’ aċċess differenti għall-klijenti, varjazzjonijiet soċjoekonomiċi u bejn żoni urbani u rurali, u diffikultajiet ta’ aċċess għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni***. Biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmu li jippermetti lill-individwi u lin-negozji jinnotifikaw nuqqasijiet lokali***

miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, jew jinsab f'riskju li jiddeterjora fin-nuqqas ta' azzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, bħal rekwiżiti ta' aċċess ġeografiku fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kontanti biex iżommu servizzi ta' flus kontanti f'għadd suffiċjenti tal-uffiċċji tal-fergħat tagħhom fejn iwettqu negozju, jew permezz ta' aġent maħtur għal istituzzjonijiet ta' kreditu online biss, jew iżommu densità suffiċjenti ta' kaxxiera awtomatiċi (ATMs) fejn iwettqu negozju b'kont meħud ta' firxa ġeografika tajba fir-rigward tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-ippuljar possibbli ta' ATMs. Miżuri oħra ta' rimedju jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet indirizzati lil istituzzjonijiet mhux tal-kreditu, bħal operaturi tal-ATMs indipendenti, bejjiegħa bl-imnut jew uffiċċji postali, li jinkoraġġixxu li jikkomplementaw is-servizzi tal-flus kontanti tal-banek.

potenzjali. Jekk fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, l-aċċess għall-flus kontanti jitqies suffiċjenti u effettiv fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri ma jkollhomx bżonn jadottaw miżuri speċifiċi fir-rigward tal-obbligu rispettiv tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni. Jekk Stat Membru jikkonkludi li l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, jew jinsab f'riskju li jiddeterjora fin-nuqqas ta' azzjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, bħal rekwiżiti ta' aċċess ġeografiku fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kontanti biex iżommu servizzi ta' flus kontanti f'għadd suffiċjenti tal-uffiċċji tal-fergħat tagħhom fejn iwettqu negozju, jew permezz ta' aġent maħtur għal istituzzjonijiet ta' kreditu online biss, jew iżommu densità suffiċjenti ta' kaxxiera awtomatiċi (ATMs) fejn iwettqu negozju b'kont meħud ta' firxa ġeografika tajba fir-rigward tal-popolazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-ippuljar possibbli ta' ATMs. ***Fejn ikun meħtieġ, jistgħu jitfasslu miżuri ta' rimedju biex jindirizzaw nuqqasijiet lokali partikolari u talbiet għal aċċess għal flus kontanti.*** Miżuri oħra ta' rimedju jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet indirizzati lil istituzzjonijiet mhux tal-kreditu, bħal operaturi tal-ATMs indipendenti, bejjiegħa bl-imnut jew uffiċċji postali, li jinkoraġġixxu li jikkomplementaw is-servizzi tal-flus kontanti tal-banek.

Or. en

Emenda 45
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Biex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, il-kostijiet assoċjati maż-żamma ta' servizzi essenzjali tal-flus kontanti, bħall-kaxxiera awtomatiċi, is-servizzi ta' ġbid u mezzi oħra ta' distribuzzjoni tal-flus kontanti, jenħtieġ li ma jagħtux lok għal mekkaniżmi ta' kumpens finanzjarju għall-intermedjarji finanzjarji. It-tnaqqis tas-servizzi ta' ġbid ta' flus u n-networks tal-ATMs jiġi fil-parti l-kbira mid-deċiżjonijiet kummerċjali ta' dawk l-istituzzjonijiet infushom. Bħala intermedjarji ewlenin li permezz tagħhom iċ-ċittadini jiksbu aċċess għall-flus kontanti, jenħtieġ li l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra ma jiġux rimborżati talli jwettqu din il-funzjoni pubblika b'mod ġust, inkluż fiż-żoni skarsament popolati jew inqas attraenti kummerċjalment. F'dan ir-rigward, is-servizzi relatati mal-flus kontanti jiffurmaw parti mis-servizzi essenzjali tal-kontijiet ta' pagament definiti fid-Direttiva 2014/92/UE (id-Direttiva dwar il-Kontijiet ta' Pagament), li tirrikonoxxi espliċitament id-depożitu u l-ġbid ta' flus kontanti bħala funzjonijiet ewlenin ta' kont ta' pagament u ma tipprevedi l-ebda mekkaniżmu ta' kumpens għall-intermedjarji. Bl-istess mod, skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2), il-fornituri tas-servizzi ta' pagament huma soġġetti għal obbligi li jiżguraw id-disponibbiltà u l-kontinwità tas-servizzi ta' pagament, mingħajr il-possibbiltà ta' rimborż pubbliku. Jenħtieġ li dan il-prinċipju japplika b'mod konsistenti kemm fl-infrastrutturi diġitali kif ukoll f'dawk tal-flus kontanti, peress li t-tnejn li huma jikkostitwixxu komponenti essenzjali tal-aċċess taċ-ċittadini għall-flus. Il-kumpens ikun ġustifikat biss skont is-sentenza Altmark (C-280/00) fejn l-obbligi jikkwalifikaw bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali barra mill-

missjoni ekonomika ordinarja tal-operatur, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

Or. en

Emenda 46
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-bejjiegħa bl-imnut joffru lill-konsumaturi ġbid ta' flus kontanti ma' xirja jew mingħajrha. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li ma titqiesx mill-Istati Membri li tissodisfa r-rekwiżiti tal-aċċess għall-flus kontanti skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 47
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar sett ta' indikaturi komuni ta' applikazzjoni ġenerali fiż-żona tal-euro, li jippermettu li*** l-Istati Membri ***jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw b'mod effettiv l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni*** differenti ***kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Fid-dawl tat-tħejjija ta' tali atti ta' implimentazzjoni,***	(8) ***Minħabba r-rwol tiegħu fis-superviżjoni tal-politika monetarja u l-istabbiltà finanzjarja, il-BĊE għandu riżorsi sinifikanti ta' data relatati mal-infrastrutturi u s-servizzi bankarji fl-Istati Membri tal-UE. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ tal-livell ta' aċċess għall-flus kontanti filwaqt li jqisu l-gwida indikattiva tal-Kummissjoni dwar l-indikaturi meqjusa rilevanti fid-dawl tad-data miġbura mill-BĊE. Il-kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni,*** l-

jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	Istati Membri ***u l-BĊE se tgħin biex jiġi żgurat li l-qafas ta' monitoraġġ ikun ibbażat fuq informazzjoni disponibbli u rilevanti. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità tal-Istati Membri tal-UE, kull Stat Membru se jkollu l-possibbiltà li jiddefinixxi u jadatta l-metodoloġija ta' monitoraġġ abbażi tad-data eżistenti u l-ispeċifiċitajiet lokali. Din il-flessibbiltà hija essenzjali biex jinżammu r-rilevanza u l-applikabbiltà tal-qafas ta' monitoraġġ f'kuntesti nazzjonali*** differenti***, sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' politiki effettivi***.

Or. en

Emenda 48
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar sett ta' indikaturi komuni ta' applikazzjoni ġenerali fiż-żona tal-euro, li jippermettu li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw b'mod effettiv l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Fid-dawl tat-tħejjija ta' tali atti ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar sett ta' indikaturi komuni ta' applikazzjoni ġenerali fiż-żona tal-euro, li jippermettu li l-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw b'mod effettiv l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. ***Jenħtieġ li l-indikaturi komuni jiġu żviluppati b'mod trasparenti u ekwu u jenħtieġ li l-indikaturi jkunu disponibbli pubblikament.*** Fid-dawl tat-tħejjija ta' tali atti ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 49

Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-flus kontanti huma mezz ta' pagament reżiljenti u effettiv b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kontinġenza, peress li jistgħu jintużaw biex tħallas meta ma jkunx hemm elettriku jew internet. Lanqas ma jirrikjedu parti terza jew teknoloġija biex isir pagament personalment u huma immedjati. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu ppreparati b'mod xieraq biex jirrispondu f'ċirkostanzi eċċezzjonali differenti fejn id-domanda għall-flus kontanti tista' tiżdied malajr jew fejn il-pagamenti mhux fi flus kontanti jiġu mfixkla b'mod sinifikanti. Dan jista' jkun minħabba sitwazzjonijiet eċċezzjonali differenti li jistgħu jaffettwaw kemm liċ-ċittadini kif ukoll lin-negozji. Dawn jistgħu jinkludu kunflitti militari, tensjonijiet ġeopolitiċi, diżastri naturali, ambjentali jew teknoloġiċi, attakki ibridi jew ċibernetiċi, qtugħ tal-provvista tad-dawl jew diversi raġunijiet bħal dawn fl-istess ħin. Biex tinkiseb reżiljenza ġenerali tal-UE f'termini ta' ċirkolazzjoni stabbli u fluss tal-flus, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jħejju għal xenarji bħal dawn billi jadottaw pjan ta' reżiljenza għall-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri biex jirrispondu f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet jew kombinazzjonijiet ta' miżuri, sa fejn ikun possibbli, ikunu allinjati mal-pjanijiet, il-miżuri u l-istrateġiji eżistenti fis-seħħ u jkunu konformi mad-dritt nazzjonali applikabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Premessa 8a tiċċara li Stat Membru huwa lest li jiżgura aċċess għal flus kontanti jew ikollu kombinazzjonijiet ta' miżuri meta s-sistemi ta' pagament elettroniku jfallu jew ikunu f'riskju serju li jfallu.

Emenda 50
Eero Heinäluoma, Marina Kaljurand, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-flus kontanti huma mezz ta' pagament reżiljenti u effettiv b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kontinġenza, peress li jistgħu jintużaw biex tħallas meta ma jkunx hemm elettriku jew internet. Lanqas ma jirrikjedu parti terza jew teknoloġija biex isir pagament personalment u huma immedjati. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu ppreparati b'mod xieraq biex jirrispondu f'ċirkostanzi eċċezzjonali differenti fejn id-domanda għall-flus kontanti tista' tiżdied malajr jew fejn il-pagamenti mhux fi flus kontanti jiġu mfixkla b'mod sinifikanti. Dan jista' jkun minħabba sitwazzjonijiet eċċezzjonali differenti li jistgħu jaffettwaw kemm liċ-ċittadini kif ukoll lin-negozji. Dawn jistgħu jinkludu kunflitti militari, tensjonijiet ġeopolitiċi, diżastri naturali, ambjentali jew teknoloġiċi, attakki ibridi jew ċibernetiċi, qtugħ tal-provvista tad-dawl jew diversi raġunijiet bħal dawn fl-istess ħin. Biex tinkiseb reżiljenza ġenerali tal-UE f'termini ta' ċirkolazzjoni stabbli u fluss tal-flus, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jħejju għal xenarji bħal dawn billi jadottaw pjan ta' reżiljenza għall-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri biex jirrispondu f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet jew kombinazzjonijiet ta' miżuri, sa fejn

ikun possibbli, ikunu allinjati mal-pjanijiet, il-miżuri u l-istrateġiji eżistenti fis-seħħ u jkunu konformi mad-dritt nazzjonali applikabbli.

Or. en

Emenda 51
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-flus kontanti huma mezz ta' pagament reżiljenti u effettiv b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kontinġenza, peress li jistgħu jintużaw biex tħallas meta ma jkunx hemm elettriku jew internet. Lanqas ma jirrikjedu parti terza jew teknoloġija biex isir pagament personalment u huma immedjati. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu ppreparati b'mod xieraq biex jirrispondu f'ċirkostanzi eċċezzjonali differenti fejn id-domanda għall-flus kontanti tista' tiżdied malajr jew fejn il-pagamenti mhux fi flus kontanti jiġu mfixkla b'mod sinifikanti. Dan jista' jkun minħabba sitwazzjonijiet eċċezzjonali differenti li jistgħu jaffettwaw kemm liċ-ċittadini kif ukoll lin-negozji. Dawn jistgħu jinkludu kunflitti militari, tensjonijiet ġeopolitiċi, diżastri naturali, ambjentali jew teknoloġiċi, attakki ibridi jew ċibernetiċi, qtugħ tal-elettriku jew diversi raġunijiet bħal dawn fl-istess ħin. Biex tinkiseb reżiljenza ġenerali tal-UE f'termini ta' ċirkolazzjoni stabbli u fluss tal-flus, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jħejju għal xenarji bħal dawn billi jadottaw pjan ta' reżiljenza għall-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri biex jirrispondu f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet jew

kombinazzjonijiet ta' miżuri, sa fejn ikun possibbli, ikunu allinjati mal-pjanijiet, il-miżuri u l-istrateġiji eżistenti fis-seħħ u jkunu konformi mad-dritt nazzjonali applikabbli.

Or. en

Emenda 52
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-flus kontanti għandhom rwol kritiku bħala mezz ta' pagament affidabbli u reżiljenti f'każ ta' qtugħ tal-elettriku u tal-internet, attakki ċibernetiċi jew diżastri naturali bħal għargħar u nirien fis-selvaġġ li jistgħu jaffettwaw il-kontinwità u d-disponibbiltà tal-metodi ta' pagament diġitali. Sabiex tiġi żgurata l-preparatezza u l-kontinwità tal-pagamenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji, kampanji ta' komunikazzjoni u jinfurzaw miżuri biex jiżguraw l-aktar aċċess u distribuzzjoni wiesgħa u effettivi tal-flus kontanti f'xenarji ta' kriżi differenti.

Or. en

Emenda 53
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7a) Il-flus kontanti għandhom rwol essenzjali bħala sistema ta' pagament f'każ ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem bħal għargħar, nirien fis-selvaġġ, attakki ċibernetiċi u qtugħ tal-internet peress li metodi oħra ta' pagament diġitali x'aktarx ma jaħdmux f'każ ta' diżastru. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji biex jiżguraw distribuzzjoni effiċjenti u proċessi ta' ġestjoni tal-flus kontanti adattati għal xenarji ta' kriżi differenti.

Or. en

Emenda 54
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni indirizzati lil Stat Membru speċifiku meta l-miżuri proposti minn dak l-Istat Membru jidhru insuffiċjenti jew f'każijiet fejn, minkejja s-sejbiet tar-rapport annwali mibgħut minn dak l-Istat Membru, l-esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jkunu qed jimminaw il-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro u/jew fejn l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv. Tali att ta' implimentazzjoni jista' jirrikjedi li l-Istat Membru kkonċernat jieħu miżuri bħal dawk deskritti fil-premessi 7 u 8, jew miżuri li tqiesu effettivi fi Stati Membri oħra biex jiġi żgurat li l-prinċipji ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti fi flus kontanti jew aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti ma jiġux imminati.	(9) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni indirizzati lil Stat Membru speċifiku meta l-miżuri proposti minn dak l-Istat Membru jidhru insuffiċjenti jew f'każijiet fejn, minkejja s-sejbiet tar-rapport annwali mibgħut minn dak l-Istat Membru, l-esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti jkunu qed jimminaw il-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro u/jew fejn l-aċċess għall-flus kontanti ma jkunx suffiċjenti u effettiv. Tali att ta' implimentazzjoni jista' jirrikjedi li l-Istat Membru kkonċernat jieħu miżuri bħal dawk deskritti fil-premessi 7 u 8, jew miżuri li tqiesu effettivi fi Stati Membri oħra biex jiġi żgurat li l-prinċipji ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti fi flus kontanti jew aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti ma jiġux imminati. ***Fit-tħejjija ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.***

Emenda 55
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat li eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti tal-euro jistgħu jiġu introdotti fi stadju aktar tard jekk ikunu meħtieġa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet addizzjonali bħal dawn biss jekk ikunu meħtieġa, proporzjonati għall-għan tagħhom, u jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro. Jenħtieġ li s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-aċċettazzjoni tal-flus kontanti tal-euro tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li tirriżulta mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta'	***imħassar***

esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. es

Emenda 56
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat li eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti tal-euro jistgħu jiġu introdotti fi stadju aktar tard jekk ikunu meħtieġa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet addizzjonali bħal dawn biss jekk ikunu meħtieġa, proporzjonati għall-għan tagħhom, u jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro. Jenħtieġ li s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-aċċettazzjoni tal-flus kontanti tal-euro tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati	***imħassar***

Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li tirriżulta mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti ma għandhomx jiġu introdotti permezz tal-leġiżlazzjoni tal-livell 2.

Emenda 57
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat li eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti tal-euro jistgħu jiġu introdotti fi stadju aktar tard	***imħassar***

jekk ikunu meħtieġa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet addizzjonali bħal dawn biss jekk ikunu meħtieġa, proporzjonati għall-għan tagħhom, u jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro. Jenħtieġ li s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-aċċettazzjoni tal-flus kontanti tal-euro tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li tirriżulta mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. en

Emenda 58
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat li eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti tal-euro jistgħu jiġu introdotti fi stadju aktar tard jekk ikunu meħtieġa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet addizzjonali bħal dawn biss jekk ikunu meħtieġa, proporzjonati għall-għan tagħhom, u jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro. Jenħtieġ li s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-aċċettazzjoni tal-flus kontanti tal-euro tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li tirriżulta mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-	***imħassar***

Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. en

Emenda 59
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) ***Sabiex jiġi żgurat li eċċezzjonijiet addizzjonali*** għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti tal-euro ***jistgħu*** jiġu introdotti fi stadju aktar tard ***jekk ikunu meħtieġa,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE ***biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Il-Kummissjoni tista' tadotta eċċezzjonijiet addizzjonali bħal dawn biss jekk ikunu meħtieġa, proporzjonati għall-għan tagħhom, u jippreservaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro. Jenħtieġ li s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta atti delegati għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-aċċettazzjoni tal-flus kontanti tal-euro tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà*** li l-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li	(11) ***L-eċċezzjonijiet meħtieġa*** għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti tal-euro***, li jenħtieġ li jiġu*** introdotti fi stadju aktar tard***, iridu jiġu ppromulgati permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja minħabba l-importanza kbira tagħhom għaċ-ċittadini u n-negozji. Madankollu,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE ***biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri kif ukoll sanzjonijiet xierqa f'każijiet ta' ksur***. ***Dan ma jaffettwax il-possibbiltà*** li l-Istati Membri, skont is-setgħat tagħhom stess f'oqsma ta' kompetenza kondiviża, jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li tirriżulta mill-istatus ta' valuta legali f'konformità ***mal-prinċipju fundamentali tal-Artikolu 128(1) tat-TFUE u*** mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19. ***Minkejja dan ta' hawn fuq, l-Istati Membri għandhom***

tintroduċi eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja li tirriżulta mill-istatus ta' valuta legali f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-422/19 u C-423/19. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati***.

jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi dejjem jippermettu l-possibbiltà ta' pagamenti fi flus kontanti għal servizzi liċ-ċittadini f'każ li tiġi imposta tariffa, u li oqsma essenzjali tas-servizzi pubbliċi, bħall-ilma, l-elettriku u t-telekomunikazzjoni, dejjem jippermettu b'mod effettiv pagamenti fi flus kontanti.

Or. de

Emenda 60
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Peress li l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti hija kunsiderazzjoni ewlenija għal ħafna ċittadini, jenħtieġ li l-entitajiet pubbliċi, b'mod partikolari, jaċċettaw il-flus kontanti bħala mezz ta' pagament kull fejn dan ikun possibbli, mingħajr piż żejjed.

Or. en

Emenda 61

Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi pubbliċi jenħtieġ li jaċċettaw pagamenti fi flus kontanti fil-każijiet kollha.

Or. es

Emenda 62
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex jiġi żgurat li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn network ta' aċċettazzjoni wiesa' u jkunu jistgħu jużaw l-euro diġitali b'mod effettiv fil-pagamenti tagħhom ta' kuljum, jenħtieġ li l-benefiċjarji li huma soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali ma jeskludux unilateralment il-pagamenti fi flus kontanti permezz ta' termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew permezz ta' prattiki kummerċjali.

Or. en

Emenda 63
Stephen Nikola Bartulica, Nicolas Bay, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Dan ir-Regolament jiżgura rispett sħiħ għad-dritt fundamentali tal-libertà ta' intrapriża u d-dritt fundamentali tal-protezzjoni tal-konsumatur minquxa fl-Artikoli 16 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea rispettivament. Dan ir-Regolament jikkonċerna l-metodu ta' pagament ippreferut tal-munita li għandha status ta' valuta legali, li ċ-ċittadini jistgħu leġittimament jagħżlu għas-saldu tad-djun tagħhom. B'hekk, il-miżuri f'dan ir-Regolament jikkonċernaw biss il-mod kif l-intrapriżi jirċievu l-pagamenti. Għaldaqstant, l-interferenza ma' dawn id-drittijiet fundamentali hija indiretta u limitata ħafna. Dan huwa ġġustifikat mill-objettiv ta' interess ġenerali li tiġi żgurata l-effettività tal-valuta legali, u huwa proporzjonat għal dan l-objettiv.	(13) Dan ir-Regolament jiżgura rispett sħiħ għad-dritt fundamentali tal-libertà ta' intrapriża u d-dritt fundamentali tal-protezzjoni tal-konsumatur minquxa fl-Artikoli 16 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea rispettivament. Dan ir-Regolament jikkonċerna l-metodu ta' pagament ippreferut tal-munita li għandha status ta' valuta legali, li ċ-ċittadini jistgħu leġittimament jagħżlu għas-saldu tad-djun tagħhom. B'hekk, il-miżuri f'dan ir-Regolament jikkonċernaw biss il-mod kif l-intrapriżi jirċievu l-pagamenti. Għaldaqstant, l-interferenza ma' dawn id-drittijiet fundamentali hija indiretta u limitata ħafna. Dan huwa ġġustifikat mill-objettiv ta' interess ġenerali li tiġi żgurata l-effettività tal-valuta legali, u huwa proporzjonat għal dan l-objettiv. ***Dan ir-Regolament jirrikonoxxi wkoll li l-aċċettazzjoni obbligatorja u l-aċċess suffiċjenti għall-flus kontanti tal-euro jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja (l-Artikolu 7) u l-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8), billi jippermettu pagamenti anonimi li jissalvagwardjaw il-privatezza u l-awtonomija individwali, kif ukoll jappoġġaw l-inklużjoni soċjali għal gruppi vulnerabbli f'konformità mal-Artikolu 21 (in-nondiskriminazzjoni). Jenħtieġ li l-Istati Membri jinterpretaw dawn id-dispożizzjonijiet b'mod li jirrispetta l-flus kontanti bħala element essenzjali tal-libertà monetarja.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan isaħħaħ l-istatus ta' valuta legali ta' pagament tal-flus kontanti billi jorbtu espliċitament mad-drittijiet fundamentali tal-UE skont il-Karta u jiżgura r-rwol tiegħu fil-preżervazzjoni tal-privatezza, l-awtonomija u l-inklużjoni soċjali. Billi jagħti mandat għall-interpretazzjoni tal-Istati Membri f'konformità mas-sussidjarjetà (Artikolu 5 TUE), isostni għażliet demokratiċi nazzjonali dwar l-aċċess monetarju, jipprevjeni sostituzzjoni diġitali sproporzjonata u jallinja ruħu mal-prijoritajiet tal-ECR għal innovazzjoni bbilanċjata li tikkomplementa, minflok ma tnaqqas, l-użu tradizzjonali tal-flus kontanti, kif evidenzjat fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-pakkett dwar gruppi vulnerabbli.

Emenda 64
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Is-sehem tal-pagamenti fi flus kontanti meta mqabbel mal-pagamenti elettroniċi huwa ogħla għal ċerti gruppi vulnerabbli inklużi gruppi ta' età akbar, persuni b'diżabilità, u persuni b'ħiliet diġitali limitati u livelli ta' introjtu aktar baxxi. Din il-proposta hija konsistenti mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà[18], li jkopri l-kaxxiera awtomatiċi (ATMs). Barra minn hekk, persuni esklużi finanzjarjament, bħall-persuni mingħajr bank, dawk li jfittxuażil u l-migranti, li jistgħu ma jkunux jistgħu jew ma jkunux lesti li jużaw mezzi ta' pagament ipprovduti mis-settur privat, jiddependu fuq il-flus kontanti bħala l-metodu ta' pagament tagħhom. Il-flus kontanti jitqiesu li jipprovdu ħarsa ġenerali ċara tal-ispejjeż, bi gradi għoljin ta' faċilità tal-użu, veloċità, sikurezza u privatezza. Dawn il-gruppi vulnerabbli huma aktar f'riskju li jitilfu l-aċċess tagħhom għal metodu ta' pagament jekk l-aċċess tagħhom għall-flus kontanti jiddeterjora. B'hekk, dan ir-Regolament ***ikollu l-għan*** li ***jippreserva*** l-inklużjoni finanzjarja ta' gruppi vulnerabbli ***b'dipendenza fuq il-pagamenti fi flus***	(14) Is-sehem tal-pagamenti fi flus kontanti meta mqabbel mal-pagamenti elettroniċi ***jew diġitali*** huwa ogħla għal ċerti gruppi vulnerabbli inklużi gruppi ta' età akbar, persuni b'diżabilità, u persuni b'ħiliet diġitali limitati u livelli ta' introjtu aktar baxxi. Din il-proposta hija konsistenti mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà[18], li jkopri l-kaxxiera awtomatiċi (ATMs). Barra minn hekk, persuni esklużi finanzjarjament, bħall-persuni mingħajr bank, dawk li jfittxuażil u l-migranti, li jistgħu ma jkunux jistgħu jew ma jkunux lesti li jużaw mezzi ta' pagament ipprovduti mis-settur privat, jiddependu fuq il-flus kontanti bħala l-metodu ta' pagament tagħhom. Il-flus kontanti jitqiesu li jipprovdu ħarsa ġenerali ċara tal-ispejjeż, bi gradi għoljin ta' faċilità tal-użu, veloċità, sikurezza u privatezza. Dawn il-gruppi vulnerabbli huma aktar f'riskju li jitilfu l-aċċess tagħhom għal metodu ta' pagament jekk l-aċċess tagħhom għall-flus kontanti jiddeterjora. B'hekk, dan ir-Regolament ***jikkomplementa r-Regolament li jistabbilixxi l-euro diġitali fl-għan tiegħu*** li ***jippreżerva*** l-inklużjoni finanzjarja ta'

kontanti billi jiżgura li kulħadd fiż-żona tal-euro jkun liberu li jagħżel il-metodu ta' pagament ippreferut u jkollu aċċess għal servizzi bażiċi ta' flus kontanti, filwaqt li jappoġġa lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi ta' politika tagħhom biex jippromwovu l-inklużjoni finanzjarja diġitali, pereżempju permezz ta' miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-litteriżmu finanzjarju u speċifikament tal-finanzi diġitali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll biex jindirizzaw il-lakuni fl-infrastruttura diġitali, inkluż fiż-żoni rurali.	gruppi vulnerabbli billi jiżgura li kulħadd fiż-żona tal-euro jkun liberu li jagħżel il-metodu ta' pagament ippreferut u jkollu aċċess għal servizzi bażiċi ta' flus kontanti, filwaqt li jappoġġa lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi ta' politika tagħhom biex jippromwovu l-inklużjoni finanzjarja diġitali, pereżempju permezz ta' miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-litteriżmu finanzjarju u speċifikament tal-finanzi diġitali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll biex jindirizzaw il-lakuni fl-infrastruttura diġitali, inkluż fiż-żoni rurali.
[18] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).	[18] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Or. en

Emenda 65
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-disponibbiltà ġeografika tal-punti tal-ġbid ta' flus kontanti tibqa' adegwata, inkluż fiż-żoni rurali, remoti jew strutturalment żvantaġġati, sabiex jiggarantixxu li l-aċċess għall-flus kontanti tal-euro jibqa' universali flimkien mal-introduzzjoni tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 66
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-ambitu u l-effetti tal-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u l-aċċess għalihom, kif previst, rispettivament, mill-Artikolu 128(1) TFUE u mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 974/98, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tagħhom bħala munita unika.	Dan ir-Regolament ***japplika fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Huwa*** jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-ambitu u l-effetti tal-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u l-aċċess għalihom, kif previst, rispettivament, mill-Artikolu 128(1) TFUE u mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 974/98, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tagħhom bħala munita unika.

Or. en

Emenda 67
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. "punti ta' ġbid ta' flus kontanti" tfisser Kaxxiera Awtomatiċi (ATMs) jew punti ta' ġbid ta' flus kontanti fil-fergħat bankarji mħaddma minn istituzzjoni ta' kreditu, li jippermettu lill-klijenti jiġbdu l-flus kontanti;

Or. en

Emenda 68
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. “esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti” tfisser sitwazzjoni fejn bejjiegħ bl-imnut jew fornitur ta’ servizz unilateralment jeskludi l-flus kontanti bħala metodu ta’ pagament pereżempju billi jwaħħlu avviż “flus kontanti mhumiex aċċettati”. F’dan il-każ, il-pagatur u l-benefiċjarju ma jaqblux liberament ma’ mezz ta’ pagament għal operazzjoni ta’ xiri;	4. “esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti” tfisser sitwazzjoni fejn bejjiegħ bl-imnut jew fornitur ta’ servizz unilateralment jeskludi l-flus kontanti bħala metodu ta’ pagament pereżempju billi jwaħħlu avviż “flus kontanti mhumiex aċċettati” ***jew billi jistipula dan f’kuntratt standard ifformulat minn qabel u mhux negozjabbli***. F’dan il-każ, il-pagatur u l-benefiċjarju ma jaqblux liberament ma’ mezz ta’ pagament għal operazzjoni ta’ xiri;

Or. en

Emenda 69
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. “esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti” tfisser sitwazzjoni fejn bejjiegħ bl-imnut jew fornitur ta’ servizz unilateralment jeskludi l-flus kontanti bħala metodu ta’ pagament pereżempju billi jwaħħlu avviż “flus kontanti mhumiex aċċettati”. F’dan il-każ, il-pagatur u l-benefiċjarju ma jaqblux liberament ma’ mezz ta’ pagament għal operazzjoni ta’ xiri***;***	4. “esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti” tfisser sitwazzjoni fejn bejjiegħ bl-imnut jew fornitur ta’ servizz unilateralment jeskludi l-flus kontanti bħala metodu ta’ pagament pereżempju billi jwaħħlu avviż “flus kontanti mhumiex aċċettati” ***jew billi juża kuntratt standard ifformulat minn qabel***. F’dan il-każ, il-pagatur u l-benefiċjarju ma jaqblux liberament ma’ mezz ta’ pagament għal operazzjoni ta’ xiri***.”***

Or. en

Emenda 70
Markus Ferber

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "intrapriża" tfisser persuna involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha, inkluż sħubiji jew assoċjazzjonijiet regolarment involuti f'attività ekonomika.	8. "intrapriża" tfisser persuna ***ġuridika*** involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha, inkluż sħubiji jew assoċjazzjonijiet regolarment involuti f'attività ekonomika.

Or. en

Emenda 71
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. "fornitur tal-utilitajiet essenzjali" tfisser fornitur ta' oġġett jew servizz essenzjali inklużi l-enerġija, l-ilma jew it-telekomunikazzjonijiet;

Or. en

Emenda 72
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. "fornitur tal-ħwienet tal-merċa bl-imnut" tfisser intrapriża li għandha bħala l-attività ekonomika primarja tagħha l-forniment ta' prodotti tal-ikel ta' kuljum fuq bażi ta' bejgħ bl-imnut, minbarra servizzi ta' catering u l-forniment ta' ikel sħun;

Or. en

Emenda 73
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. "mikrointrapriża" tfisser intrapriża kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (3), tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2023[1a] li tikkonċerna d-definizzjoni ta' mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
	[1a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (2003/361/KE) (ĠU L 124, 20.5.2003, pp. 36–41 , ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj

Or. en

Emenda 74
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Restrizzjoni relattiva fuq il-pagamenti fi flus kontanti tal-euro meta mqabbla ma' metodi ta' ħlas diġitali, kemm jekk finanzjarji, temporali jew permezz ta' sistemi ta' bonus, hija permessa biss għal raġunijiet konvinċenti u f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità għall-isforz addizzjonali mġarrab mill-benefiċjarju. L-oneru tal-provi għall-eżistenza ta' dawn ir-

raġunijiet u l-proporzjonalità huwa fuq il-benefiċjarju. Restrizzjoni fuq il-flus kontanti ma għandhiex tkun ibbażata fuq ftehimiet kuntrattwali mal-fornituri ta' servizzi ta' pagament.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà ta' restrizzjoni indiretta fuq il-pagamenti fi flus kontanti għandha tiġi indirizzata. L-użu tal-flus kontanti jista' jiġi mminat gradwalment permezz ta' diversi inċentivi. Kumpaniji kbar u oligopolji jistgħu jużaw bonusijiet, benefiċċji fi flus kontanti, jew l-iffrankar tal-ħin biex jippromwovu t-tnaqqis effettiv tal-flus kontanti. Il-kostijiet addizzjonali għall-pagaturi għandhom ikunu proporzjonati għall-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-benefiċjarji li jirriżultaw mill-possibbiltà ta' pagamenti fi flus kontanti meta mqabbla ma' pagamenti diġitali.

Emenda 75
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-obbligu li jiġu aċċettati u li ma jkunx hemm restrizzjoni fuq il-flus kontanti tal-euro meta mqabbla ma' metodi ta' ħlas diġitali japplika wkoll għall-awtoritajiet pubbliċi meta joffru servizzi liċ-ċittadini li jirrikjedu tariffa. L-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux jeskludu jew ixekklu b'mod effettiv il-pagamenti fi flus kontanti permezz ta' rekwiżiti organizzattivi jew proċeduri tekniċi.

Or. de

Emenda 76
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-Artikolu 4(2), il-benefiċjarju għandu jkun intitolat li jirrifjuta karti tal-flus u muniti tal-euro ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	B'deroga mill-Artikolu 4(2), il-benefiċjarju għandu jkun intitolat li jirrifjuta karti tal-flus u muniti tal-euro ***meta jikkoinċidu ż-żewġ ċirkostanzi*** li ġejjin:

Or. es

Emenda 77
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) meta rifjut isir in bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkustanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju***;***	a) meta rifjut isir in bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkustanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju***, filwaqt li dawn il-kundizzjonijiet kollha jridu jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Mingħajr ma jissemma b'mod espliċitu li dawn ir-raġunijiet għandhom ikunu preżenti b'mod kumulattiv, il-benefiċjarju jista' joqgħod biss fuq l-argument tal-"proporzjonalità", li jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn dan ir-regolament fil-fatt jgħin biex jiġi evitat l-Artikolu 128 tat-TFUE, li, fid-dawl tal-għan ta' dan ir-regolament, ikun ifisser li jinkiseb l-eżitu oppost għal dak li huwa maħsub uffiċjalment.

Emenda 78
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iia) meta rifjut isir in bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkustanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju;	(iia) meta rifjut isir in bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi u temporanji f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkustanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju ***- dawn il-kundizzjonijiet kollha jridu jiġu ssodisfati fl-istess ħin***;

Or. de

Emenda 79
Gilles Boyer, Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta rifjut isir in bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi ***u temporanji*** f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkustanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju;	(a) meta rifjut isir in bona fide u meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċirkustanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju;

Or. en

Emenda 80
Martin Schirdewan, Özlem Demirel, Martin Günther

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament.	(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament***, soġġett għall-Artikolu 5a***.

Or. en

Emenda 81
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament.	(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament***, soġġett għall-Artikolu 5a***.

Or. en

Emenda 82
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament**.**	(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament ***permezz ta' termini kuntrattwali li jkunu ġew innegozjati individwalment bejn il-pagatur u l-benefiċjarju;***

Or. en

Emenda 83
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament.	(b) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jkun qabel mal-pagatur dwar mezz differenti ta' pagament***, inkluż***

permezz ta' esklużjoni unilaterali ex ante mill-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 84
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fejn il-punt tal-bejgħ huwa punt tal-bejgħ mingħajr persuna fiżika. Punt tal-bejgħ mingħajr persuna fiżika jfisser apparat jew sistema fiżika li permezz tagħha oġġetti jew servizzi jiġu pprovduti direttament lill-pagatur minn jew f'isem il-benefiċjarju, bi skambju għal pagament, mingħajr il-preżenza ta' kwalunkwe persunal jew aġent tal-benefiċjarju. Dan jinkludi magni tal-bejgħ, magni tal-biljetti, miters tal-parkeġġ, stazzjonijiet tal-fjuwil u tal-iċċarġjar self-service u sistemi simili oħra.

Or. en

Emenda 85
Gilles Boyer, Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) fejn punt tal-bejgħ ma jkollux persuni fiżiċi u la l-benefiċjarju u lanqas kwalunkwe persuna li twettaq servizzi għall-benefiċjarju ma tkun preżenti fiżikament b'mod kontinwu fil-post pubbliku.

Or. en

Emenda 86
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) meta, qabel il-pagament, il-benefiċjarju jirrealizza li l-karatteristiċi tal-karti tal-flus jew tal-muniti offruti mill-pagatur ma jikkonformawx mal-liġi attwali tal-Unjoni jew li dawk il-karti tal-flus jew muniti mhumiex adatti għaċ-ċirkolazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 87
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fejn it-tranżazzjoni tkun bejgħ mill-bogħod.

Or. en

Emenda 88
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) meta l-pagatur jirrifjuta pagament supplimentari;

Or. en

Emenda 89
Gilles Boyer, Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a), l-oneru tal-provi biex jiġi stabbilit li tali raġunijiet leġittimi ***u temporanji*** kienu jeżistu f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-benefiċjarju.	Għall-finijiet tal-punt (a), l-oneru tal-provi biex jiġi stabbilit li tali raġunijiet leġittimi kienu jeżistu f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 90
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a), l-oneru tal-provi biex jiġi stabbilit li tali raġunijiet leġittimi u temporanji kienu jeżistu f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-benefiċjarju.	***Il-benefiċjarji soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw il-flus kontanti ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali, li għandhom l-objettiv jew l-effett li jeskludu l-użu tal-flus kontanti mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.*** Għall-finijiet tal-punt (a), l-oneru tal-provi biex jiġi stabbilit li tali raġunijiet leġittimi u temporanji kienu jeżistu f'każ partikolari u li r-rifjut kien proporzjonat għandu jkun fuq il-benefiċjarju***, filwaqt li rekwiżiti***

kuntrattwali jew restrizzjonijiet tekniċi imposti minn partijiet terzi, b'mod partikolari l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew il-fornituri tat-terminali, ma jikkostitwux raġunijiet leġittimi*.*

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda raġuni biex il-formulazzjoni ċara tal-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-ħolqien ta' euro diġitali ma tintużax ukoll għall-pagamenti fi flus kontanti, sabiex jiġi żgurat hawnhekk ukoll li l-flus kontanti ma jiġux żvantaġġati.

Emenda 91
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-punt (b), esklużjoni unilaterali ex ante tal-flus kontanti hija ġġustifikata biss meta l-pagatur ikun infurmat b'mod ċar u trasparenti meta jidħol fl-istabbiliment tal-benefiċjarju jew qabel ma juża s-servizzi tal-benefiċjarju. Jenħtieġ li l-benefiċjarju jqis kif xieraq ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-pagatur.

Or. en

Emenda 92
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-punt (b), it-termini kuntrattwali ma għandhomx jitqiesu bħala li ġew innegozjati individwalment meta jkunu ġew abbozzati minn qabel u

meta l-pagatur ma setax jinfluwenza s-sustanza tagħhom, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Emenda 93
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-punt (b), l-oneru tal-provi biex jiġi stabbilit li tali kuntratt kien jeżisti f'każ partikolari għandu jkun fuq il-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 94
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) L-ipproċessar tat-tranżazzjoni jsir eskluživament permezz ta' magna awtomatizzata, fejn il-magna tipprovdi servizz jew prodott mhux essenzjali, u f'dan ir-rigward il-fatturi lokali jistgħu wkoll jaqdu rwol, u bl-istess mod l-esklużjoni tal-pagamenti fi flus kontanti tista' ma tidhirx li mhijiex xierqa jew sproporzjonata fid-dawl tal-korrispettiv imħallas permezz tal-magna. Kwalunkwe restrizzjoni fuq il-flus kontanti ma għandhiex tkun ibbażata fuq it-termini

kuntrattwali tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament.

Or. de

Ġustifikazzjoni

"Fatturi lokali", huma, pereżempju, meta jiġi ddeterminat f'daqqa waħda li l-magni tal-parkeġġ ma jaċċettawx pagament fi flus kontanti. Fatturi lokali joħolqu ċerta "indispensabbiltà" jew monopolju lokali li ma jistax jiġi evitat, u b'hekk dan isir essenzjali skont is-sitwazzjoni.

Emenda 95
Gilles Boyer, Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iia. F'każijiet eċċezzjonali, jekk l-aċċettazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti tippreżenta riskji sinifikanti għas-sigurtà.

Or. en

Emenda 96
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każijiet kollha ta' hawn fuq, l-oneru tal-provi jaqa' fuq il-benefiċjarju tal-pagamenti.

Or. es

Emenda 97

Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. B'deroga:
	(a) il-paragrafu 1 ma għandux japplika f'każijiet meta l-benefiċjarju jkun:
	(i) fornitur tal-kura tas-saħħa jew spiżerija;
	(ii) korp pubbliku; jew
	(iii) fornitur tal-utilitajiet essenzjali;
	(b) il-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandux japplika f'każijiet meta l-benefiċjarju jkun fornitur tal-ħwienet tal-merċa bl-imnut.

Or. en

Emenda 98
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-forniturі ta' oġġetti u servizzi essenzjali; l-istazzjonijiet tas-servizz u l-pompi tal-petrol; l-operaturi tal-parkeġġi; il-kumpaniji tat-trasport pubbliku; l-istabbilimenti self-service u l-magni tal-bejgħ għandhom, fil-każijiet kollha, jaċċettaw pagamenti fi flus kontanti.

Or. es

Emenda 99
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Artikolu 4 huwa mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet meħuda mill-pagatur jew mill-benefiċjarju sabiex jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Or. en

Emenda 100
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri jistgħu japplikaw id-deroga fil-paragrafu 2a għal kategoriji addizzjonali ta' benefiċjarju meta dan ikun iġġustifikat minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-paragrafu 2a ma japplikax għall-benefiċjarji li huma mikrointrapriżi għal raġunijiet ta' proporzjonalità.***

Or. en

Emenda 101
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a

Projbizzjoni tal-esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti

Sabiex jiġi żgurat li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn network ta' aċċettazzjoni wiesa' u jkunu jistgħu jużaw l-euro diġitali b'mod effettiv fil-pagamenti tagħhom ta' kuljum, jenħtieġ li l-benefiċjarji li huma soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali ma jeskludux unilateralment il-pagamenti fi flus kontanti permezz ta' termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew permezz ta' prattiki kummerċjali. Il-benefiċjarji soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali, (eż. avviżi "flus kontanti mhumiex aċċettati"), li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala wieħed li ma kienx ġie nnegozjat individwalment meta ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Emenda 102
Martin Schirdewan, Özlem Demirel, Martin Günther

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a

Projbizzjoni tal-esklużjoni unilaterali ex ante tal-pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro

Il-benefiċjarji soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li mhumiex ibbażati fuq raġunijiet leġittimi u temporanji kif imsemmi fl-Artikolu 5 (1), il-punt (a), li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala mhux innegozjat individwalment meta jkun ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċjarji għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment minħabba li dan ikun jirriżulta f'li tiddgħajjef l-aċċettazzjoni obbligatorja mill-benefiċjarji u l-libertà kuntrattwali tal-pagaturi.

Emenda 103
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Projbizzjoni tal-esklużjoni unilaterali tal-pagamenti fl-euro diġitali

Il-benefiċjarji soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma għandhomx inqas minn termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali, (eż. avviżi "flus kontanti mhumiex aċċettati"), li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala wieħed li ma kienx ġie nnegozjat individwalment meta ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

tirrifletti d-dispożizzjoni fil-proposta dwar l-euro diġitali

Emenda 104
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Projbizzjoni tal-esklużjonijiet unilaterali tal-pagamenti fi flus kontanti
	Il-benefiċjarji soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma għandhomx inqas minn termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali, li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro mill-pagaturi tad-djun monetarji

denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala wieħed li ma kienx ġie nnegozjat individwalment meta ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Emenda 105
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Projbizzjoni tal-esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-flus kontanti
	Il-benefiċjarji soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ma għandhomx jużaw termini kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali, (eż. avviżi "flus kontanti mhumiex aċċettati"), li għandhom l-għan jew l-effett li jeskludu l-użu tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. Tali termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. Terminu kuntrattwali għandu jitqies bħala wieħed li ma kienx ġie nnegozjat individwalment meta ġie abbozzat minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza tat-terminu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.

Or. en

Emenda 106
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro	
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	

Or. en

Emenda 107
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***

Eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti ma għandhomx jiġu introdotti permezz tal-leġiżlazzjoni tal-livell 2.

Emenda 108
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Eċċezzjonijiet addizzjonali għall-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro	
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni	

obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 109
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	***imħassar***

Or. de

Emenda 110
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	***imħassar***

Or. en

Emenda 111
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu	***imħassar***

permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe eżenzjoni addizzjonali għandha tkun soġġetta għal rieżami leġiżlattiv.

Emenda 112
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	***imħassar***

Or. es

Emenda 113
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex ***tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet addizzjonali ta' natura ta' liġi monetarja għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati b'objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-flus kontanti tal-euro, u għandhom ikunu permessi biss sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas ta' djun monetarji***. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex ***tappoġġa l-implimentazzjoni prattika uniformi u effettiva ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri, inkluż l-istabbiliment ta' linji gwida dwar standards ta' monitoraġġ u infurzar, mingħajr, madankollu, ma toħloq obbligi jew sanzjonijiet materjali ġodda***. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-importanza tal-eċċezzjonijiet hija kbira wisq biex iċ-ċittadini u n-negozji sempliċement jittrasferuhom lill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati. Il-Kummissjoni għandha minflok tiżgura li dan ir-regolament iffurmulat b'mod pjuttost ġenerali u limitat jiġi attwalment osservat mill-Istati Membri u tirċievi atti delegati għal dan il-għan. Hija għandha tinfurzah mingħajr l-għajnuna tal-Parlament Ewropew, u mhux iddgħajfu. Il-provvista tal-flus kontanti hija essenzjali daqs il-provvista ta' taraġ f'binja b'lift.

Emenda 114
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni ***tal-pagamenti***	1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ ***fuq bażi regolari*** tal-

fi flus kontanti u ***l-livell*** ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante ***tal-pagamenti fi flus*** kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ***ż-żoni*** urbani u mhux urbani, ***abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni***.	aċċettazzjoni ***tal-flus*** kontanti u ***n-nuqqas ta' konformità mal-projbizzjoni*** ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante ***tal-flus*** kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ***r-reġjuni ultraperiferiċi, kemm fiż-żoni*** urbani u ***kif ukoll dawk*** mhux urbani, ***b'mod partikolari dawk skarsament popolati u għandhom jieħdu miżuri ta' rimedju immedjati***.

Or. en

Emenda 115
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u ***l-livell*** ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom ***fuq bażi regolari*** jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u ***n-nuqqas ta' konformità mal-projbizzjoni*** ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 116
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni ***adottati mill-Kummissjoni*** u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-livell ta' esklużjonijiet unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni ***abbozzati f'konformità mal-Artikolu 9(2)*** u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 117
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u ***l-livell ta' esklużjonijiet*** unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u ***l-esklużjoni*** unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 118
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u ***l-livell ta' esklużjonijiet*** unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	(1) Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u ***l-esklużjonijiet*** unilaterali ex ante tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi tal-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.

Or. de

Emenda 119
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tagħhom tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 9(3).	2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tagħhom tas-sitwazzjoni***, u l-effetti tal-miżuri ta' rimedju,*** fir-rigward tal-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti f'konformità mal-Artikolu 9(3).

Or. en

Emenda 120
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk Stat Membru ***jqis*** li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).	3. Jekk***, skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7 (3a), inter alia,*** Stat Membru ***jiddetermina*** li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

Or. es

Emenda 121
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk Stat Membru jqis li ***l-livell ta' aċċettazzjoni*** tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu ***jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro***, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).	3. Jekk Stat Membru jqis li ***l-aċċettazzjoni obbligatorja*** tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu ***hija mminata***, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

Or. en

Emenda 122
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, dan	(3) ***L-ilmenti indirizzati lill-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 9 għandhom jiġu investigati minnha b'mod indipendenti u, f'każijiet definiti b'mod ċar u minuri,***

għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

għandha tfittex li tipprovdi rimedju f'waqtu u xieraq. Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

Or. de

Ġustifikazzjoni

Awtoritajiet oħra spiss ikunu mgħammra u mħeġġa mill-UE biex jiġbru tali lmenti u mbagħad jieħdu azzjoni immedjata. Għaliex din l-awtorità għandha sempliċement tissorvelja s-sitwazzjoni fis-skiet, speċjalment meta titqies l-importanza tal-flus kontanti? Problemi żgħar jistgħu jiġu indirizzati malajr mingħajr ma jkun hemm bżonn snin ta' stennija għal rapporti, aktar rapporti, proposti, u mbagħad potenzjalment tittieħed azzjoni. Dan ikollu wkoll effett deterrent aktar immedjat, li jipprevjeni li qabelxejn jeskalaw ċerti sitwazzjonijiet.

Emenda 123
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).	3. Jekk Stat Membru jqis***, abbażi tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tiegħu,*** li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, dan għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

Or. en

Emenda 124
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom, fi kwalunkwe każ, jieħdu miżuri korrettivi rilevanti jekk, matul il-monitoraġġ tagħhom, jidentifikaw xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
	a) il-flus kontanti ma jiġux aċċettati minn tal-inqas 99 % tal-intrapriżi u l-fornituri ta' servizzi pubbliċi f'parti mit-territorju tagħhom jew fit-territorju kollu tagħhom;
	b) nuqqas ta' reġistri statistiċi suffiċjenti biex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti f'settur jew fl-ekonomija kollha kemm hi;
	(c) il-pagamenti fi flus kontanti huma soġġetti għal ħinijiet ta' stennija itwal mill-ħlasijiet diġitali f'mill-inqas 5 % tal-każijiet irreġistrati.

Or. es

Emenda 125
Stephen Nikola Bartulica, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom, bħala parti mill-miżuri ta' rimedju skont il-paragrafu 3, jippromwovu kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika biex jedukaw liċ-ċittadini dwar il-benefiċċji tal-pagamenti fi flus kontanti, inkluż il-privatezza, l-affidabbiltà u l-inklużjoni finanzjarja, b'enfasi fuq gruppi vulnerabbli bħall-anzjani u l-popolazzjonijiet b'introjtu baxx.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrikjedi li l-Istati Membri jniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika mmirati dwar il-benefiċċji tal-flus kontanti, il-privatezza permezz tal-anonimità, l-affidabbiltà fil-każ ta' tfixkil u l-inklużjoni għal gruppi vulnerabbli, bħala parti minn azzjonijiet ta' rimedju biex jiġu żgurati aċċess u aċċettazzjoni suffiċjenti tal-flus kontanti. Hija tippromwovi s-sussidjarjetà billi tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet nazzjonali biex ifasslu inizjattivi apposta, jikkumbattu x-xejriet diġitali biss li jirriskjaw li jeskludu popolazzjonijiet anzjani, b'introjtu baxx jew rurali, f'konformità mal-objettivi tal-pakkett dwar l-inklużjoni finanzjarja (kif enfasizzat fl-iskeda informattiva ta' mistoqsijiet u tweġibiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt).

Emenda 126
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw il-preżenza kontinwa ta' biżżejjed punti tal-aċċettazzjoni ta' flus kontanti, inkluż permezz ta' rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi essenzjali jew korpi pubbliċi biex jaċċettaw flus kontanti tal-euro.

Or. en

Emenda 127
Stephen Nikola Bartulica, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Biex tiġi żgurata aċċettazzjoni mifruxa, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu inċentivi fiskali, bħal tnaqqis tat-taxxa jew għotjiet, għal intrapriżi li jżommu infrastruttura għall-aċċettazzjoni tal-flus kontanti, dment li dawn il-miżuri ma joħolqux distorsjoni fis-suq intern u

jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tippermetti lill-Istati Membri joffru inċentivi fiskali volontarji għal negozji li jaċċettaw il-flus kontanti, u tippromwovi aċċettazzjoni mifruxa taħt is-sussidjarjetà b'rispett għar-regoli tas-suq intern (notifika tal-Artikolu 108 tat-TFUE). Hija tirribatti l-politiki unilaterali "l-ebda flus kontanti" li jdgħajfu l-għażla u l-privatezza tal-konsumatur.

Emenda 128
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Sistemi tal-Bejgħ tal-Merkanzija Integrati
	1. Minħabba r-restrizzjonijiet mekkaniċi u ta' sigurtà inerenti fid-distribuzzjoni awtomatizzata tal-merkanzija, is-Sistemi tal-Bejgħ tal-Merkanzija Integrati fil-punti tal-bejgħ mingħajr persuni fiżiċi jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' aċċettazzjoni tal-valuta legali.
	2. "Sistema tal-Bejgħ tal-Merkanzija Integrata" tfisser apparat awtomatizzat tal-bejgħ bl-imnut li fih:
	(a) l-oġġetti kummerċjabbli jkunu jinsabu fiżikament ġewwa l-apparat li jaċċetta l-pagamenti jew jiffurmaw parti integrali minnu;
	(b) l-apparat awtomatikament jiddispensa, jirrilaxxa jew jipprovdi aċċess għall-oġġetti mal-ipproċessar tal-pagament b'suċċess;
	(c) il-prodotti jitpoġġew fl-apparat minn qabel;

(d) l-apparat jopera mingħajr intervent uman fil-ħin tat-tranżazzjoni.

3. Id-definizzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti ma għandhiex tinkludi:

(a) sistemi ta' self-checkout fi kwalunkwe post tal-bejgħ bl-imnut jew punt tal-bejgħ mingħajr persuni fiżiċi, dment li ma teżistix għażla ta' pagament fi flus kontanti;

(b) kiosks li jiddispensaw biss biljetti, riċevuti jew kodiċijiet ta' aċċess diġitali;

(c) distributuri tal-ffjuwil jew terminals tal-pagament tal-utilitajiet;

(d) terminals tal-pagament li jinsabu f'ambjenti tal-bejgħ bl-imnut li jkollhom il-persunal".

Or. en

Emenda 129
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess ***suffiċjenti u*** effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess ***suffiċjenti u*** effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni ***kontinwament***.

Or. en

Emenda 130
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni ***adottati mill-Kummissjoni*** u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni ***abbozzati f'konformità mal-Artikolu 9(2)*** u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 131
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv ***għall-flus*** kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni ***u*** għandhom ***jivvalutaw is-sitwazzjoni***.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv ***għall-punti tal-ġbid ta' flus*** kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni***, li*** għandhom ***jinkludu:*** ***a) l-aċċess għall-ATMs inkluża d-distanza ġeografika mit-triq u t-trasport pubbliku u***

l-għadd ta' ATMs fir-rigward tad-densità tal-popolazzjoni;

b) id-disponibbiltà tal-ATMs għal depożiti ta' flus kontanti u finanzjament fi flus kontanti ta' kontijiet tal-euro diġitali;

c) id-disponibbiltà ta' karti tal-flus ta' valuri differenti fl-ATMs;

d) id-disponibbiltà ta' servizzi ta' flus kontanti fil-fergħat bankarji inklużi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-fergħat bankarji;

e) l-aċċessibbiltà tal-ATMs u l-fergħat bankarji f'konformità mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà; u

f) tariffi għal servizzi ta' flus kontanti fl-ATMs u fil-fergħat bankarji.

Or. en

Emenda 132
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu l-miżuri meħtieġa biex*** jiżguraw ***u jżommu*** aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani***, inkluż fiż-żoni fejn id-domanda tal-konsumaturi tkun baxxa***. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.

L-indikaturi komuni għandhom jinkludu mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

(a) l-għadd minimu ta' ATMs fir-rigward tad-densità tal-popolazzjoni;

(b) l-aċċess għall-ATMs inkluż id-distanza ġeografika bit-trasport bit-triq u pubbliku;

(c) id-disponibbiltà tal-ATMs għal depożiti ta' flus kontanti u finanzjament fi flus kontanti ta' kontijiet tal-euro diġitali;

(d) id-disponibbiltà ta' karti tal-flus ta' valuri differenti fl-ATMs;

(e) id-disponibbiltà ta' servizzi ta' flus kontanti fil-fergħat bankarji inklużi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-fergħat bankarji;

(f) l-aċċessibbiltà tal-ATMs u l-fergħat bankarji f'konformità mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà;

(g) tariffi għal servizzi ta' flus kontanti fl-ATMs u fil-fergħat bankarji.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ u jżommu pjanijiet ta' kontinġenza operazzjonali biex jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, inkluż fiż-żoni b'domanda tal-konsumaturi aktar baxxa, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn ikun hemm tfixkil fil-kontinwità tal-pagamenti diġitali jew riskju kredibbli u imminenti ta' tfixkil li jaffettwa jew li jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, lil Stat Membru jew liż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 133
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani***, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-bżonnijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħal persuni anzjani, persuni b'diżabilità, persuni b'introjtu baxx jew b'ħiliet diġitali baxxi, persuni mingħajr bank u persuni bi sfond ta' migrazzjoni***. Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ regolari tal-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani, abbażi ta' indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni u għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni.
	Or. en

Emenda 134
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi bażiċi rilevanti għal dan ir-Regolament, li l-banek huma meħtieġa jipprovdu skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/92/UE (id-Direttiva dwar il-Kontijiet tal-Ħlas), jiġifieri l-ħruġ u d-depożitu ta' flus kontanti għaċ-ċittadini (karti tal-flus) u n-negozji (karti tal-flus u muniti), ikunu garantiti b'mod komprensiv, effettiv u mingħajr pożijiet sproporzjonati ta' ħin, dawk finanzjarji jew oħrajn. Jekk il-banek ikomplu jonqsu milli jiksbu kopertura nazzjonali suffiċjenti, l-Istati Membri għandhom jintroduċu network addizzjonali ta' ATMs

għall-ħruġ u d-depożiti, iffinanzjat b'mod konġunt mill-banek kollha, inklużi l-banek online, permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji skont il-bażi nazzjonali tal-klijenti tagħhom, biex jiżguraw provvista adegwata ta' flus kontanti għaċ-ċittadini u n-negozji b'mod kosteffettiv u nazzjonali.

Or. de

(l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/92/UE)

Ġustifikazzjoni

Il-każ reċenti ta' Oberbank fl-Awstrija, li ssospenda kompletament l-provvista ta' flus kontanti u rrefera lill-klijenti lejn is-supermarkets, jikkontradixxi d-Direttiva 2014/92 u għandu jservi bħala twissija. ATMs addizzjonali, iffinanzjati mill-banek kollha, jistgħu jipprovdu rimedju reġjonali, peress li l-provvista ta' flus kontanti (inklużi muniti) liċ-ċittadini u n-negozji hija essenzjali għaċ-ċittadini u l-libertà individwali tagħhom. Barra minn hekk, l-iżgurar ta' provvista suffiċjenti għandu jitqies bħala obbligu tal-banek: il-banek joħolqu l-flus, u mhux is-supermarkets.

Emenda 135
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1a. Il-fornituri tal-ATMs u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkollhom il-ħsieb li jagħlqu fergħa bankarja jew ATM għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt dettaljata bbażata fuq l-indikaturi komuni biex jiżguraw li l-aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti jibqa' ggarantit wara l-għeluq tal-fergħa bankarja jew l-ATM. Huma għandhom jinnotifikaw is-sejbiet tagħhom bil-miktub lill-awtorità nazzjonali kompetenti. Meta jkun hemm lakuni fl-aċċess għall-flus kontanti, il-fornitur responsabbli għall-għeluq għandu jieħu miżuri ta' rimedju biex**

jinżamm aċċess effiċjenti għall-flus kontanti.

Or. en

Emenda 136
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Iż-żamma ta' aċċess effettiv għall-flus kontanti għandha tinkludi wkoll l-iżgurar tal-manutenzjoni ta' network adegwat ta' kaxxiera awtomatiċi li jippermettu l-ġbid ta' flus kontanti u d-depożiti ta' flus kontanti, fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu emittenti ta' kards jeħtiġilhom jiżguraw konformità mal-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti kontra l-ħasil tal-flus fir-rigward tal-utenti ta' dawn il-kaxxiera awtomatiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija essenzjali infrastruttura wiesgħa u aċċessibbli għall-ġbid ta' flus kontanti u depożiti ta' flus kontanti fl-ATMs biex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni kontinwa tal-flus kontanti min-negozjanti u biex jiġi salvagwardjat l-aċċess effettiv għall-flus kontanti għall-konsumaturi.

Emenda 137
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Sabiex jiġu żgurati inċentivi suffiċjenti għat-tħaddim tal-ATMs, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-ATMs ikollhom l-għażla li jaqblu dwar

tariffa tat-tranżazzjoni mal-utent tal-ATM (id-detentur tal-kard). It-tariffa tat-tranżazzjoni għandha tintwera mill-ATM b'mod trasparenti u d-detentur tal-kard għandu jkollu l-għażla li jikkanċella bla ħlas qabel ma ssir it-tranżazzjoni. Fil-każ ta' tariffa tat-tranżazzjoni mid-detentur tal-kard, l-ebda tariffa addizzjonali ma għandha tiġi imposta fuq l-istituzzjoni ta' kreditu emittenti ta' kards għat-tranżazzjoni biex tiġi evitata tariffa doppja mill-operatur tal-ATM.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni/l-iffissar ta' limitu massimu fuq it-tariffi tat-tranżazzjoni jikkostitwixxi interferenza eċċessiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-awtonomija kuntrattwali filwaqt li jneħħi l-inċentivi meħtieġa biex ikomplu joperaw l-ATMs u jsir investiment f'ATMs ġodda.

Emenda 138
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġiji biex jiggarantixxu aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fil-każ ta' diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem.

Or. en

Emenda 139
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 8 - paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bejjiegħa bl-imnut, soġġetti għall-prinċipju tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-flus kontanti skont dan ir-Regolament, joffru lill-konsumaturi ġbid ta' flus kontanti mingħajr ma jixtru sa EUR 150. Madankollu, din il-possibbiltà ma għandhiex titqies mill-Istati Membri biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-aċċess għall-flus kontanti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 140
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk Stat Membru jqis li ma jkunx żgurat aċċess ***suffiċjenti u*** effettiv għall-flus kontanti, huwa għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).	3. Jekk Stat Membru jqis li ma jkunx żgurat aċċess effettiv għall-flus kontanti, huwa għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

Or. en

Emenda 141
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk Stat Membru jqis li ma jkunx żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, huwa għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).	3. Jekk Stat Membru jqis***, abbażi tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tiegħu,*** li ma jkunx żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti, huwa għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

Or. en

Emenda 142
Stephen Nikola Bartulica, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-bejjiegħa bl-imnut biex jipprovdu servizzi ta' flus kontanti lura fil-punti tal-bejgħ bħala mezz biex isaħħu ċ-ċirkolazzjoni tal-flus kontanti, inkluż permezz ta' linji gwida volontarji jew shubijiet ma' fornituri ta' pagament, b'monitoraġġ integrat fir-rapporti annwali skont l-Artikolu 13.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tħeġġeġ is-servizzi ta' flus kontanti lura għand il-bejjiegħa bl-imnut biex itejbu l-aċċess u ċ-ċirkolazzjoni deċentralizzati tal-flus kontanti, li tibbaża fuq prattiki ta' suċċess nazzjonali enfasizzati fil-valutazzjoni tal-impatt (SWD(2023)233). Hija tappoġġja s-sussidjarjetà permezz ta' miżuri volontarji u monitoraġġ, filwaqt li tippromwovi l-inklużjoni finanzjarja u l-ekwità reġjonali f'żoni li jiddependu fuq il-flus kontanti.

Emenda 143
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm miżuri adegwati fis-seħħ biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-dritt li jużaw il-flus kontanti bħala valuta legali u l-mezzi

disponibbli biex jaċċessaw is-servizzi tal-flus kontanti.

Or. en

Emenda 144
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-klijenti tal-bank jistgħu jiġbdu flus kontanti mill-bank tagħhom mingħajr ħlas, mill-inqas erba' darbiet fix-xahar.

Or. de

Emenda 145
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-ġbid ta' flus kontanti huwa bla ħlas għall-klijenti fl-istituzzjonijiet ta' kreditu fejn ikollhom kontijiet, mill-inqas darba fil-ġimgħa.

Or. en

Emenda 146
Stephen Nikola Bartulica, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jiksbu approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti nazzjonali nominata qabel ma jneħħu jew jirrilokaw l-ATMs, fuq il-bażi ta' valutazzjoni li ma turi l-ebda impatt negattiv fuq l-aċċess lokali għall-flus kontanti, b'mod partikolari fiż-żoni mhux moqdija biżżejjed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tagħti mandat għal approvazzjoni nazzjonali minn qabel għat-tneħħija/rilokazzjoni tal-ATMs, u tiżgura li l-valutazzjonijiet jipproteġu l-aċċess għall-flus kontanti fiż-żoni mhux moqdija biżżejjed jew rurali mingħajr tnaqqis żejjed mis-settur privat. Hija tirrispetta s-sussidjarjetà permezz tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-inklużjoni finanzjarja u tipprevjeni l-erożjoni tar-rwol tal-valuta legali fost il-bidliet diġitali.

Emenda 147
Stephen Nikola Bartulica, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 - paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu standards minimi għad-densità u l-kopertura ġeografika tal-ATMs u punti oħra ta' ġbid ta' flus kontanti, bħal għadd speċifikat għal kull unità ta' popolazzjoni jew żona ġeografika, differenzjati bejn ir-reġjuni urbani u mhux urbani biex jiġi żgurat aċċess ekwu. Fejn il-monitoraġġ skont il-paragrafu 2 jiżvela nuqqasijiet fl-ilħuq ta' dawn l-istandards, l-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-konformità permezz ta' penali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu standards minimi mfassla apposta għad-densità tal-ATM u l-kopertura ġeografika, differenzjati skont iż-żoni urbani jew rurali, biex jiggarantixxu aċċess ekwu għall-flus kontanti fit-territorju kollu. Hija tindirizza direttament l-infrastruttura tal-flus kontanti li qed tonqos enfasizzata fil-premessi tal-proposta (eż. il-Premessa 7) u l-valutazzjonijiet tal-impatt, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ is-sussidjarjetà billi tħalli l-implimentazzjoni u l-infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali.

Emenda 148
Stephen Nikola Bartulica, Diego Solier, Nora Junco García, Marlena Maląg, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament biex jintegraw obbligi ta' aċċess għall-flus kontanti fil-kundizzjonijiet tal-liċenzjar tagħhom, u jiżguraw iż-żamma tas-servizzi sakemm ma jkunx ġustifikat minn ċirkostanzi eċċezzjonali, b'sorveljanza mill-awtoritajiet nazzjonali u rappurtar lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrikjedi li l-Istati Membri jinkorporaw obbligi ta' aċċess għal-flus kontanti fil-kundizzjonijiet tal-liċenzjar tal-PSP, li jipprevjeni tnaqqis mhux ġustifikat fis-servizzi u fl-iżgurar tas-sorveljanza. Hija tappoġġja direttament l-objettivi tal-proposta dwar l-inklużjoni finanzjarja (il-Premessa 3) u s-salvagwardji tal-aċċess għall-flus kontanti, filwaqt li tirrispetta s-sussidjarjetà permezz tal-implimentazzjoni nazzjonali.

Emenda 149
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Reżiljenza tal-flus kontanti
	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta' pjan għar-reżiljenza għall-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri sabiex jiġi żgurat aċċess għall-flus kontanti f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tfixkil mifrux u sever tal-kontinwità tal-mezzi ta' pagament elettroniċi jew riskju kredibbli u imminenti ta' tfixkil bħal dan li jaffettwa jew li jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, lil Stat Membru jew liż-żona tal-euro. Il-pjan għar-reżiljenza jew il-kombinazzjoni ta' miżuri għandhom jinkludu xenarji differenti u jindirizzaw ir-riskju ta' kull xenarju. Jekk il-bank ċentrali nazzjonali ma jkunx l-awtorità jew waħda mill-awtoritajiet responsabbli biex iħejju l-pjan jew il-miżuri, dan għandu jiġi kkonsultat dwar kwalunkwe miżura li tirrikjedi l-involviment tiegħu.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 8a jiċċara li Stat Membru huwa lest li jiżgura aċċess għall-flus kontanti jew ikollu kombinazzjonijiet ta' miżuri meta s-sistemi ta' pagament elettroniku jfallu jew ikunu f'riskju serju li jfallu.

Emenda 150
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Reżiljenza tal-flus kontanti
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta' pjan għar-reżiljenza għall-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri

sabiex jiġi żgurat aċċess għall-flus kontanti f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tfixkil mifrux u sever tal-kontinwità tal-mezzi ta' pagament elettroniċi jew riskju kredibbli u imminenti ta' tfixkil bħal dan li jaffettwa jew li jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, lil Stat Membru jew liż-żona tal-euro. Il-pjan għar-reżiljenza jew il-kombinazzjoni ta' miżuri għandhom jinkludu xenarji differenti u jindirizzaw ir-riskju ta' kull xenarju. Jekk il-bank ċentrali nazzjonali ma jkunx l-awtorità jew waħda mill-awtoritajiet responsabbli biex iħejju l-pjan jew il-miżuri, dan għandu jiġi kkonsultat dwar kwalunkwe miżura li tirrikjedi l-involviment tiegħu.

Or. en

Emenda 151
Eero Heinäluoma, Marina Kaljurand, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment ta' pjan għar-reżiljenza għall-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri sabiex jiġi żgurat aċċess għall-flus kontanti f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tfixkil mifrux u sever tal-kontinwità tal-mezzi ta' pagament elettroniċi jew riskju kredibbli u imminenti ta' tfixkil bħal dan li jaffettwa jew li jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, lil Stat Membru jew liż-żona tal-euro. Il-pjan għar-reżiljenza jew il-kombinazzjoni ta' miżuri għandhom jinkludu xenarji differenti u jindirizzaw ir-riskju ta' kull xenarju. Jekk il-bank ċentrali nazzjonali ma jkunx l-awtorità jew waħda mill-awtoritajiet responsabbli biex iħejju l-pjan

jew il-miżuri, dan għandu jiġi kkonsultat dwar kwalunkwe miżura li tirrikjedi l-involviment tiegħu.

Or. en

Emenda 152
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Pjan għar-reżiljenza tal-flus kontanti
	Biex tiġi żgurata d-disponibbiltà u l-aċċess għall-flus kontanti waqt tfixkil serju fis-sistema ta' pagament elettroniku, jew fejn ikun hemm riskju kredibbli ta' tfixkil bħal dan, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ pjan għar-reżiljenza tal-flus kontanti. Dan il-pjan għandu jinkludi diversi xenarji u jindirizza r-riskji preżenti f'kull wieħed minnhom.

Or. en

Emenda 153
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Miżuri biex jiġi żgurat aċċess għall-flus kontanti
	Sabiex jiġi żgurat aċċess suffiċjenti għall-flus kontanti, l-Istati Membri għandhom:

a) jiżguraw li l-kaxxiera awtomatiċi (ATMs) dejjem joffru l-għażla li jiġu depożitati flus kontanti;

b) jippromwovu l-preżenza ta' mill-inqas kaxxiera awtomatika (ATM) waħda f'kull muniċipalità jew submuniċipalità b'popolazzjoni ta' elf ruħ jew aktar;

c) jiżguraw li d-depożiti u l-irtirar ta' flus kontanti jiġu offruti dejjem bla ħlas;

d) jippromwovu l-aċċess għal mill-inqas kaxxiera awtomatika (ATM) waħda f'raġġ ta' żewġ kilometri għal mill-inqas 90 % tal-popolazzjoni urbana u 80 % tal-popolazzjoni rurali.

Or. es

Emenda 154
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Bil-ħsieb li jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità ***nazzjonali*** kompetenti waħda ***jew aktar*** bis-setgħat meħtieġa fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, u fuq l-attivitajiet tas-suq relatati mal-flus kontanti tal-industrija tal-flus kontanti.	(1) Bil-ħsieb li jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda bis-setgħat meħtieġa fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, u fuq l-attivitajiet tas-suq relatati mal-flus kontanti tal-industrija tal-flus kontanti. ***Minbarra r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Artikolu, din l-awtorità għandha tingħata r-riżorsi u s-setgħat meħtieġa biex tkun tista' tirreġistra l-ilmenti taċ-ċittadini dwar ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament b'mod standardizzat, tipproċessahom fil-pront, u tinvestigahom kif meħtieġ. L-awtorità għandha tiżgura wkoll li l-proċeduri tal-ilmenti jkunu faċilment aċċessibbli, trasparenti, u li jistgħu jinftehmu b'mod***

ċar kemm miċ-ċittadini kif ukoll min-negozji.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Awtoritajiet multipli jwasslu biss għal kaos u burokrazija bla bżonn għaċ-ċittadini, ilmenti, il-Kummissjoni, rapporti, eċċ. L-awtorità għandha tkun tista' wkoll tirreġistra l-ilmenti b'mod standardizzat u, meta jkun possibbli, tipprovdi rimedju u tapplika sanzjonijiet jekk il-problema tkun maniġġabbli. Il-ġbir ta' informazzjoni dwar ksur għandu wkoll jiġi parzjalment esternalizzat għaliex, mingħajr pariri mill-pubbliku/negozji, ma jkunux jistgħu jiġu identifikati żviluppi perikolużi fil-ħin jew b'mod suffiċjenti. Il-kwalità tal-istatistika tiddependi mill-kwalità tal-ġbir tad-data.

Emenda 155
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Bil-ħsieb li jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda ***jew aktar*** bis-setgħat meħtieġa fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, u fuq l-attivitajiet tas-suq relatati mal-flus kontanti tal-industrija tal-flus kontanti.	(1) Bil-ħsieb li jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda bis-setgħat meħtieġa fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, u fuq l-attivitajiet tas-suq relatati mal-flus kontanti tal-industrija tal-flus kontanti.

Or. de

Emenda 156
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, ***il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta'***	2. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, ***il-BĊE u l-Kummissjoni ghandhom***

implimentazzjoni ta' applikazzjoni ġenerali dwar sett ta' indikaturi komuni li ***l-Istati*** Membri ***għandhom jużaw*** biex jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Dawk ***l-atti ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu ***adottati*** [fi żmien X xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11. Fit-tħejjija ta' dawn ***l-atti ta' implimentazzjoni***, ***il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank*** Ċentrali ***Ewropew***.

jadottaw b'mod konġunt linji gwida biex jiddefinixxu sett ta' indikaturi komuni li ***għandhom jintużaw mill-Istati*** Membri biex jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Dawk ***il-linji gwida*** għandhom jiġu ***ppubblikati*** [fi żmien X xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11. Fit-tħejjija ta' dawn ***il-linji gwida, il-BĊE u l-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lill-banek*** ċentrali ***nazzjonali***.

Or. en

Emenda 157
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti ta' implimentazzjoni ta' applikazzjoni ġenerali dwar*** sett ta' indikaturi komuni li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati [fi żmien X xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità ***mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11***. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti ***ta'***	2. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, il-Kummissjoni għandha***, permezz ta' att delegat, tistabbilixxi*** sett ta' indikaturi komuni li l-Istati Membri għandhom jużaw ***biex jiżguraw aċċess effettiv għall-flus kontanti fit-territorju tagħhom kif ukoll*** biex jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati [fi żmien X xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità ***mal-Artikolu 10***. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti ***delegati***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 158
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** ta' applikazzjoni ġenerali dwar sett ta' indikaturi komuni li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati ***[***fi żmien ***X*** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***]*** f'konformità ***mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11***. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti ***ta' implimentazzjoni***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	2. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** ta' applikazzjoni ġenerali dwar sett ta' indikaturi komuni li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jagħmlu monitoraġġ u jivvalutaw l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti fit-territorju kollu tagħhom, fir-reġjuni differenti kollha tagħhom, inklużi ż-żoni urbani u mhux urbani. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati fi żmien ***12-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'konformità ***mal-Artikolu 10***. Fit-tħejjija ta' dawn l-atti ***delegati***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 159
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Bil-ħsieb li jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda ***jew aktar*** bis-setgħat meħtieġa fir-rigward tal-	1. Bil-ħsieb li jiġu implimentati l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda bis-setgħat meħtieġa fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-

aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, u fuq l-attivitajiet tas-suq relatati mal-flus kontanti tal-industrija tal-flus kontanti.

pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, u fuq l-attivitajiet tas-suq relatati mal-flus kontanti tal-industrija tal-flus kontanti.

Or. en

Emenda 160
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-indikaturi u l-ġbir tagħhom rigward id-disponibbiltà u l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti ma għandhomx, mit-tfassil tagħhom stess, jinkoraġġixxu ċirkwiti ta' feedback negattiv, jiġifieri, ma għandhomx, mill-ħolqien tagħhom stess, inevitabbilment iwasslu għal tnaqqis gradwali fil-provvista tal-flus kontanti meqjusa "neċessarja" jew il-limitu aktar baxx tal-użu tal-flus kontanti meqjus "kritiku". Ir-reviżjoni tal-ġbid tal-flus kontanti trid titwettaq ukoll permezz ta' ġbir u preżentazzjoni xierqa ta' data speċifika għas-settur. Is-setturi ewlenin għall-ħlas ta' servizzi pubbliċi jew oġġetti essenzjali ta' kuljum iridu jiġu koperti speċifikament. Bl-istess mod, iridu jiġu koperti r-restrizzjonijiet relattivi fuq l-użu tal-flus kontanti meta mqabbla mal-metodi ta' ħlas diġitali u l-ostakli spazjali, kwantitattivi jew temporali għad-disponibbiltà tal-flus kontanti, inklużi fatturi indiretti li jistgħu jwasslu għal restrizzjoni effettiva fuq il-flus kontanti.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Jaf ikun utli li jiġu definiti xi punti ewlenin u li dan ma jitħalliex kollu f'idejn il-Kummissjoni Ewropea. Għandhom jiġu evitati effetti ta' ċirku vizzjuż mill-metodu tal-ġbir tad-data: Il-

banek inaqqsu l-għadd ta' ATMs, jagħmlu l-aċċess għall-flus kontanti aktar diffiċli, u mbagħad l-istatistika tgħidilna li n-nies qed jużaw inqas flus kontanti, u b'riżultat ta' dan jerġa' jitnaqqas l-ammont "meħtieġ" jerġa' jitnaqqas - ġirja lejn l-aktar livell baxx. Barra minn hekk, xi għarfien importanti speċifiku għall-industrija jaf jkun utli, bħal influwenzi indiretti fuq l-aċċettazzjoni u d-disponibbiltà tal-flus kontanti.

Emenda 161
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8, Stat Membru jista' juża fir-rapport annwali tiegħu, flimkien ma' indikaturi komuni, indikaturi speċifiċi sabiex jippreżenta informazzjoni aktar dettaljata dwar l-ispeċifiċitajiet tat-territorju, tar-reġjuni u taż-żoni urbani tiegħu. Dawn l-indikaturi speċifiċi għandhom jippermettu approċċ komuni għall-valutazzjoni u l-komparabbiltà tad-data.

Or. en

Emenda 162
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tħejji dawn l-atti ta' implimentazzjoni b'mod trasparenti u ekwu. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-indikaturi komuni pubbliċi u faċilment aċċessibbli.

Or. en

Emenda 163
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***L-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti maħtura ***għandhom jinnotifikaw ir-riżultati*** tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni ***tagħhom*** tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-livelli ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, filwaqt li ***jagħtu*** raġunijiet u data għall-valutazzjoni tagħhom, f'rapport annwali li għandu jiġi indirizzat lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew kif imsemmi fl-Artikolu 13.	(3) ***L-awtorità*** nazzjonali kompetenti maħtura għandha innotifika r-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-livelli ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti u l-aċċess għall-flus kontanti, filwaqt li ***tagħti*** raġunijiet u data għall-valutazzjoni tagħhom, f'rapport annwali li għandu jiġi indirizzat lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew kif imsemmi fl-Artikolu 13 ***u tippubblika dan ir-rapport f'forma xierqa biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà pubblika***.

Or. de

Emenda 164
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk Stat Membru jqis li ***l-livell ta' aċċettazzjoni*** tal-pagamenti fi flus kontanti ***jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro*** jew li aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti mhuwiex żgurat, fir-rapport annwali tiegħu dan għandu jindika l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Il-miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed.	4. Jekk Stat Membru jqis li ***l-aċċettazzjoni obbligatorja*** tal-pagamenti fi flus kontanti ***hija mminata*** jew li aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti mhuwiex żgurat, fir-rapport annwali tiegħu dan għandu jindika l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Il-miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 165
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jew li aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti mhuwiex żgurat, fir-rapport annwali tiegħu dan għandu jindika l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Il-miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed.	4. Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jew li aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti mhuwiex żgurat, fir-rapport annwali tiegħu dan għandu jindika l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Il-miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ ***bi skeda ta' żmien vinkolanti u objettivi intermedji ċari***. ***Il-miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed.***

Or. en

Emenda 166
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jew li aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti mhuwiex żgurat, fir-rapport annwali tiegħu dan għandu jindika l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. Il-miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed.	(4) Jekk Stat Membru jqis li l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jimmina l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jew li aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti mhuwiex żgurat, fir-rapport annwali tiegħu dan għandu jindika l-miżuri ta' rimedju li jimpenja ruħu li jieħu sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8. ***Il-miżuri ta' rimedju jinkludu l-installazzjoni ta' ATMs mill-bank ċentrali nazzjonali rispettiv.*** Il-

	miżuri ta' rimedju għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed.

Or. de

Emenda 167
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti annwali f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew. Jekk il-miżuri ta' rimedju proposti minn Stat Membru skont il-paragrafu 4 jidhru insuffiċjenti, jew jekk il-Kummissjoni tqis li l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jew aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fi Stat Membru ma jkunux konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 minkejja ***s-sejbiet tar-rapport*** annwali, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu miżuri adegwati u proporzjonati li għandhom jiġu adottati mill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stipulata fl-att ta' implimentazzjoni rispettiv. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11.	5. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti annwali f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew. Jekk il-miżuri ta' rimedju proposti minn Stat Membru skont il-paragrafu 4 jidhru insuffiċjenti, jew jekk il-Kummissjoni tqis li l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jew aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fi Stat Membru ma jkunux konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 minkejja ***l-miżuri ta' rimedju proposti fir-rapport*** annwali, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu miżuri adegwati u proporzjonati li għandhom jiġu adottati mill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stipulata fl-att ta' implimentazzjoni rispettiv. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 168
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti annwali f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew. Jekk il-miżuri ta' rimedju proposti minn Stat Membru skont il-paragrafu 4 jidhru insuffiċjenti, jew jekk il-Kummissjoni tqis li l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jew aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fi Stat Membru ma jkunux konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 minkejja s-sejbiet tar-rapport annwali, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu miżuri adegwati u proporzjonati li għandhom jiġu adottati mill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stipulata fl-att ta' implimentazzjoni rispettiv. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11.	5. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti annwali f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew. Jekk il-miżuri ta' rimedju proposti minn Stat Membru skont il-paragrafu 4 jidhru insuffiċjenti, jew jekk il-Kummissjoni tqis li l-aċċettazzjoni tal-pagamenti fi flus kontanti jew aċċess suffiċjenti u effettiv għall-flus kontanti fi Stat Membru ma jkunux konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 minkejja s-sejbiet tar-rapport annwali, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu miżuri adegwati u proporzjonati li għandhom jiġu adottati mill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stipulata fl-att ta' implimentazzjoni rispettiv. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11. ***Fit-tħejjija ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.***

Or. en

Emenda 169
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hi mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	

3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 170
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	
3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu	

għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. es

Emenda 171
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ***perjodu ta' żmien indeterminat*** minn [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ***5 snin*** minn [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 172
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***r-regoli*** dwar penali ***[inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali]*** applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament ***u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi***. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	***Il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali*** għandhom jistabbilixxu ***s-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra fir-rigward tal-ksur jew taċ-ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament. F'konformità mar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 - COM(2023) 367 final], l-Artikolu 96, l-Artikolu 97(2) – (4), 98, 99, 100, 101, 102 u 103 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw bħala regoli*** dwar

penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Or. en

Emenda 173
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali [inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali] applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali [inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali] applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi ***u fi kwalunkwe każ, jippenalizzaw finanzjarjament il-ksur tal-esklużjoni ex ante ta' pagamenti fi flus kontanti mill-bejjiegħa jew ir-restrizzjoni attwali u sostanzjali ta' pagamenti fi flus kontanti meta mqabbla ma' pagamenti diġitali. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida mhux vinkolanti dwar ir-rekwiżiti minimi għal sanzjonijiet nazzjonali għal kategoriji tipiċi ta' ksur u tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6 għal dan il-għan***. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Or. de

Emenda 174
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali [inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali] applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali [inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali] applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Dan japplika b'mod partikolari għal sanzjonijiet kontra r-rifjut unilaterali u sproporzjonat tal-flus kontanti, indikat b'sinjal fuq il-bieb tal-ħanut jew miżuri simili. F'dan ir-rigward japplikaw ir-regolamenti nazzjonali rispettivi għall-aċċettazzjoni tal-muniti.*** L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Or. de

Emenda 175
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali [inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali] applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali [inkluż penali finanzjarji u multi mhux kriminali] applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex

jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Dan japplika b'mod partikolari għal penali kontra r-rifjut unilaterali u sproporzjonat tal-flus kontanti permezz ta' sinjal fuq il-bieb tal-hanut jew miżuri simili. Ir-regolamenti nazzjonali rispettivi għall-aċċettazzjoni tal-muniti japplikaw.*** L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.
	Or. en

Emenda 176
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkollhom jiġu imposti penali, huma jinkludu l-possibbiltà li jew jiġu imposti multi permezz ta' proċeduri amministrattivi jew li jinbdew proċedimenti legali sabiex jiġu imposti multi, jew it-tnejn li huma, fejn l-ammont massimu ta' dawn il-multi jkun mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-benefijarju, tal-istituzzjoni tal-kreditu jew tal-istituzzjoni mhux tal-kreditu involuta fi ksur ta' dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 177
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew fuq bażi annwali ***li jinkludi*** informazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin:	1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew fuq bażi annwali***, li għandu jkun aċċessibbli liberament fuq l-internet kemm fil-lingwa nazzjonali kif ukoll bl-Ingliż u jkun fih*** informazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin:

Or. en

Emenda 178
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew fuq bażi annwali li jinkludi informazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin:	(1) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew fuq bażi annwali li jinkludi informazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin ***u dan għandu jkun disponibbli bla ħlas fuq l-internet bil-lingwa nazzjonali kif ukoll bl-Ingliż***:

Or. de

Emenda 179
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-analiżijiet statistiċi kollha dwar l-aċċettazzjoni u d-disponibbiltà tal-flus kontanti, ippreżentati fid-dettall jew bħala

sejbiet f'dawn ir-rapporti, iridu jkunu aċċessibbli bla ħlas online bil-lingwa nazzjonali rispettiva kif ukoll bl-Ingliż. Il-metodi ta' ġbir u evalwazzjoni tad-data statistika jridu jiġu spjegati fid-dettall. Bl-istess mod, l-ilmenti kollha ppreżentati lill-awtorità superviżorja nazzjonali responsabbli skont l-Artikolu 9 iridu jiġu elenkati f'format konformi mal-protezzjoni tad-data, inkluża deskrizzjoni sufiċjenti tar-riżultati tal-investigazzjoni sussegwenti u s-suċċess tal-infurzar ta' dan ir-Regolament f'każ ta' ksur. L-aċċess għal din l-informazzjoni se jiġi pprovdut permezz ta' sit web tal-UE.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-aħħar ftit snin żvelaw nuqqasijiet ripetuti u serji fl-integrità u l-kwalità tal-valutazzjonijiet mill-awtoritajiet ċentrali. Biex jiġi żgurat li dawn l-awtoritajiet ikunu soġġetti għal skrutinju pubbliku xieraq u jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' trasparenza tal-UE u l-komunità xjentifika, il-metodi kwantitattivi użati biex jappoġġjaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom fir-rapporti għandhom ikunu verifikabbli, kif ukoll l-ilmenti u l-involviment tal-awtorità.

Emenda 180
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dmir tal-Istati Membri li jinfurmaw dwar ir-rimedji	***Rimedji***

Or. en

Emenda 181
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti ***lill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti. ***L-informazzjoni trid tkun faċilment aċċessibbli, tinftiehem, u disponibbli bl-Ingliż kif ukoll bil-lingwa nazzjonali.***

Or. de

Emenda 182
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti ***lill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti ***mal-awtorità*** nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.

Or. en

Emenda 183
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-

dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti ***lill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.	dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti ***lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.

Or. de

Emenda 184
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.	***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar ir-rimedji applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Ir-rimedji previsti għandhom ikunu effettivi u proporzjonati. L-Istati Membri għandhom, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.*** L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.

Or. en

Emenda 185
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Hermann Tertsch, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti. ***L-Istati Membri se jistabbilixxu awtorità ċentrali li se sservi bħala punt ta' kuntatt għar-rapportar ta' każijiet ta' pagamenti jew depożiti ta' flus kontanti miċħuda.***

Or. es

Emenda 186
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni fiżiċi u lill-intrapriżi b'informazzjoni ċara ***u faċilment aċċessibbli*** dwar il-mezzi u r-rimedji effettivi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex iressqu lmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar każijiet ta' rifjut illegali li jaċċettaw flus kontanti u aċċess insuffiċjenti u ineffettiv għall-flus kontanti.

Or. en

Emenda 187

Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji ta' dejn monetarju denominat f'euro għandhom jaċċettaw pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk jaċċettawx pagamenti f'euro diġitali f'konformità mar-Regolament [XXX dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali]. Meta l-aċċettazzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro u tal-euro diġitali tkun obbligatorja f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (XXX dwar l-istabbiliment tal-Euro Diġitali), il-pagatur huwa intitolat li jagħżel il-mezz ta' pagament.	2. Il-benefiċjarji ta' dejn monetarju denominat f'euro għandhom jaċċettaw pagamenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk jaċċettawx pagamenti f'euro diġitali f'konformità mar-Regolament [XXX dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali]. Meta l-aċċettazzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro u tal-euro diġitali tkun obbligatorja f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (XXX dwar l-istabbiliment tal-Euro Diġitali), il-pagatur huwa intitolat li jagħżel il-mezz ta' pagament***. L-istabbiliment ta' euro diġitali futura ma għandux inaqqas ir-rilevanza tal-flus kontanti tal-euro. Iż-żewġ forom ta' flus pubbliċi għandhom jikkoeżistu u joffru liċ-ċittadini mezzi ta' pagament komplementari, li jiżguraw l-għażla, ir-reżiljenza u l-aċċess universali.***

Or. en

Emenda 188
Nikos Papandreou, Evelyn Regner, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Emenda għad-Direttiva (UE) 2020/1828
	Fl-Anness 1, dan il-punt li ġej huwa miżjud: "(68) Ir-Regolament (UE) 20../…. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro (ĠU L[…], […….], [p. ..]).”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu kollettivament jiddefendu d-dritt tagħhom għall-aċċess għall-flus kontanti u l-aċċettazzjoni tal-flus kontanti. Għalhekk, din il-proposta leġiżlattiva għandha tiġi inkluża fl-anness tal-fajls koperti mid-Direttiva dwar l-Azzjoni Rappreżentattiva.

Emenda 189
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [data ħames snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami dwar l-operat u l-effetti ta’ dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta’ dak ir-rapport.	Sa [data ħames snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami dwar l-operat u l-effetti ta’ dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta’ dak ir-rapport. ***Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi, fejn xieraq.***

Or. en